# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Ġunju/Lulju 2001 Nru. 830

GAO 150397
Din ir-rivista giet
moghtija minn
Mons. J. Debrincat
1 – 1 – 11



## "Rgħajja skond qalbi"

### Nifirħu b'sitt saċerdoti ġodda

# MARTIN'S DINER

Mgarr Road, Nadur,
(In front of the football ground)
Tel: 558974






# CALIFORNIA RESTAURANT

Gorg Borg Oliver Street, Victoria, Gozo.
Tel: 556234



Gozo
FURNITURE & PLASTIC COVERS

19, Main Gate Street, Victoria, Gozo. Tel: 556824 (by the Bus Terminus)
St. Lukes Square, G'Mangia, Malta. Tel: 233029 (in front of St. Lukes Hospital)
Factory: St. John Street, Nadur, Gozo. Tel: 556053, 556361 Fax: 553720.

## f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Għawdex 300 sena ilu – Bandu għall-ħatra ta' ħażżien tal-qamħ • 9
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista - Is-Seminarju • 12
Kliem il-Papa jitnaqqax f'qalbna • 16
Kif tifforma l-qalb tar-Ragħaj • 18
Poeżija - Mhux f'ħobbu biss • 20
Bookmark • 21
Tifsir fuq it-tagħlim tat-Twemmin Nisrani (1) • 24
Id-Devozzjoni lejn il-Madonna • 28
Mill-Knisja fid-Dinja • 29
Drawwiet Missirijietna – Twemmin Fieragħ ta' l-Għawdxin (2) • 30
Wirt Gżiritna – Il-Mużew tal-Folklor (3) • 34
Il-Ħsara mix-xemx • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn madwar id-dinja • 42

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
**Ħarġa nru. 830**

**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 560496/7 Fax. 561860**
***e-mail:* lumenchristi@waldonet.net.mt**
***homepage:***
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament : Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata: *Lumen Christi Media Centre***
**Stampata: *"Gozo Press"***
***Għajnsielem, Għawdex***
*Din il-ħarġa nghalqet għall-istampa fl-15 ta' Ġunju 2001.*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
Is-Sitt Saċerdoti Ġodda Għawdxin
*(ara l-intervista f'paġni 12-15)*

# EDITORJAL

## Qaddisin Maltin u Maltin Qaddisin




*Għadna kemm fraħna meta l-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II ġie fostna u ddikjara beati tliet qaddisin Maltin. Ħadna gost kbir għax rajna li anki Malta tagħna fiċ-ċokon tagħha tat lill-Knisja beati ġodda biex jiġu meqjuma fuq l-artali. Tat ukoll lid-dinja tliet mudelli ta' ħajja qaddisa.*

*Reġa' wasal ukoll l-istaġun tal-festi titulari. Dan hu staġun li jorbotna bil-ferħ mal-qaddisin kbar li l-poplu tagħna għażilhom biex ikunu mudelli għall-poplu tagħna. Iżda nistaqsu: Kemm sa jkun jiswa dan kollu biex ikollna iktar Maltin qaddisin?*

*Il-festi titulari f'ġieħ il-qaddisin ghandhom iqanqluna lkoll biex infittxu iktar bil-ħerqa t-triq tal-qdusija. Suppost il-festa titulari tkun imfassla u programmata kollha kemm hi madwar iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi, b'mod speċjali l-Quddiesa Pontifikali ta' filgħodu u l-Purċissjoni filgħaxija. Hekk ukoll dak kollu li hu profan, bħal baned, ħruq tan-nar, armar, marċijiet, eċċ., mhux biss m'għandu jtellef xejn mill-ispirtu reliġjuż, imma għandu jsaħħu u jagħti sens ta' ferħ f'ġieħ il-qaddisin li nkunu nfakkru.*

*Biex isir dan neħtieġu iktar Maltin qaddisin li jkunu l-melħ tas-soċjetà tagħna. Hemm bżonn li fil-kumitati li jorganizzaw il-festi jkollna iktar spirtu reliġjuż. Hemm bżonn li l-poplu tagħna japprezza iktar il-valuri nsara anki meta jkun jiċċelebra trijonfalment il-festi.*

*It-tliet beati ġodda Maltin joffrulna sfida ġdida biex insaħħu l-valuri nsara li tant animaw il-ħajja Maltija b'rabtiet intimi mal-Knisja ta' Kristu. Jalla jkollna iktar Maltin bħal Dun Ġorġ Preca, Adeodata Pisani u Nazju Falzon.*






**Kungress tax-Xirka ta' l-isem Imqaddes t' Alla**

Nhar il-Ħadd 29 t'April, fil-paroċċa ta' l-Għasri, Għawdex, sar l-għeluq tal-Kungress tax-Xirka ta' l-Isem imqaddes t' Alla li din is-sena kellu t-tema *"Infaħħru lil Alla flimkien ma' Marija"*. Il-programm beda b' korteo bl-istatwa tar-Ragħaj it-Tajjeb. Mal-wasla fil-Knisja sar diskors ta' merħba mill-kappillan Dun Ġużepp Cini .

Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi għamel id-diskors ta' l-egħluq u qal li t-tema magħżula għal dan il-Kungress, hi stedina għalina ilkoll biex f' ħajjitna jkollna l-istess sentimenti li kellha Marija.

**Tifkira tal-Griżma ta' l-Isqof**

Fil-knisja parrokjali ta' Sannat , nhar il-Ġimgħa 4 ta' Mejju, ġew imlaqqgħin it-tfal li għamlu l-Griżma ta' l-Isqof is-sena l-oħra. Wara li dawn l-istudenti ħadu sehem f' velja ta' talb irreċitaw flimkien il-pleġġ tal-Ħajja Nisranija u ġew mgħotija ktejjeb ta' Patri Guido Schembri *"Is-Sagramenti f'Ħajjitna"* bħala tifkira.

**Tqassim tal-Bibbja lill-istudenti**

Mons. Isqof iltaqa' ma' l-istudenti tal-form 2 ta' l-iskola sekondarja Aġius De Soldanis. Saret Liturġija tal-Kelma bil-partecipazzjoni tal-kant mill-istudenti u wara l-Isqof kellimhom dwar l-importanza tal-qari tal-Kelma t' Alla. Wara ġiet mqassma kopja tat-Testment il-Ġdid lil dawn l-istudenti.

**Il-Kappella tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria**

Nhar il-Ħadd, 6 ta' Mejju 2001, Mons. Isqof ċċelebra Quddiesa fl-10.00 a.m. fil-kappella tar-Ragħaj it-Tajjeb, Victoria. F'din l-okkażjoni ġie mfakkar l-20 sena mill-Konsagrazzjoni ta' l-istess knisja u kien hemm ukoll il-Grupp tad-Donaturi tad-Demm ta' l-istess ċentru li kien qed jiċċelebra l-għaxar sena mit-twaqqif tiegħu.

**Is-Song Festival Marjan**

Nhar is-Sibt, 19 ta' Mejju 2001 fl-Oratorju Don Bosco nżamm Song Festival Marjan organizzat mil-Leġjun ta' Marija f'Għawdex. Mons. Isqof kien preżenti u wassal il-messaġġ tiegħu lill-udjenza.

**L-Oratorju ta' Dun Ġorġ Preca jsir f'Ta' Pinu**

Il-Ħadd, 20 ta' Mejju 2001, fis-Santwarju Ta' Pinu, ġie mtellgħa l-Oratorju dwar il-Beatu Dun Ġorġ Preca. Dan kien xogħol organizzat mis-Soċjeta` tal-MUSEUM. Il-kliem ta' l-Oratorju huwa xogħol tal-Professur Oliver Friġġieri u l-mużika tas-Surmast Charles Camilleri.

**Pellegrinaġġ tal-Morda organizzat mill-Kavallieri ta' San Ġwann**

Is-Sibt, 26 ta' Mejju 2001, għal sena oħra konsekuttiva, il-Kavallieri ta' San Ġwann organizzaw pellegrinaġġ tal-morda u l-anzjani għas-Santwarju Ta' Pinu. Ġiet iċċelebrata Quddiesa minn Monsinjur Isqof li fiha wassal il-messaġġ tiegħu. Wara l-Quddiesa, l-morda ġew meħudin dawra ma' Għawdex.

**Iż-żjara tal-Papa u l-Għawdxin**





Il-ġurnata ta' l-Erbgħa, 9 ta' Mejju 2001 kienet waħda memorabbli għall-Għawdxin kollha b'mod speċjali għas-soċji tal-M.U.S.E.U.M. li kienu ferħana li l-fundatur tagħhom Dun Ġorġ Preca ġie mgħolli għall-ġid ta' l-artali flimkien ma' żewġ beati oħra; il-kjeriku Nazju Falzon u Suor Adeodata Pisani. Kienu eluf dawk l-Għawdxin, kbar u żgħar illi qasmu lejn Malta filgħodu kmieni fuq il-vapuri tal-"*Gozo Channel*", liema kumpanija ġentilment offriet is-servizzi tagħha. Fost dawn kien hemm madwar 150 saċerdot Għawdxin li ħadu sehem fil-konċelebrazzjoni mmexxija mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II. Mons. Isqof barra milli ħa sehem fil-funzjoni tal-beatifikazzjoni kien preżenti wkoll fil-laqgħa li l-Papa kellu mal-membri tal-M.U.S.E.U.M. fis-sede tagħhom, il-Blata l-Bajda u sellem ukoll lill-Papa fl-ajruport wara l-wasla tiegħu mis-Sirja u qabel it-tluq tiegħu lejn Ruma.













*ikompli f'paġna 26*



# X'ġara dan l-aħħar

Lelio Spiteri

## Twaqqif ta' Koperattiva




Nhar il-Ħadd 29 ta' April fis-sala tal-Farm Sperimentali tal-Gvern fix-Xewkija twaqqfet uffiċjalment il-Koperattiva Għawdxija Produtturi tat-Tjur Limitata. L-iskop li għalih twaqqfet din il-kooperattiva hu li ġġib flimkien il-parti l-kbira tal-produtturi tat-tjur gewwa Għawdex taħt saqaf wieħed. Dan sar minħabba l-kompetizzjoni qawwija minn produtturi f'Malta kif ukoll barra minn Malta ġiegħel lill-produtturi Għawdxin li jwaqqfu din il-Koperattiva. Il-kooperarattiva tixtieq iggib ëil quddiem din l-industrija li dejjem qiegħda tikber maż-żmien kif ukoll biex tilqa' għall-isfidi ġodda ta' kompetizzjoni, riċerka, modi ġodda ta' proċessar u bis-sħubija eventwali tal-gżejjer Maltin fl-Unjoni Ewropea. Skop ieħor hu illi jitjiebu l-livelli iġenetiċI u sanitarji biex il-prodott jasal fl-aħjar kundizzjoni u tjubija għand il-konsumatur. Il-kooperattiva hija missieħba fil-MAL, il-Malta Agriculture Lobby.



## Inawgurazzjoni

Il-Ġimgħa 20 ta' April, l-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex inawgurat erba' kliniċI ġodda fid-Dipartiment ta' l-Outpatients fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Ix-xogħol inawgurat kien jikkonsisti fi tkabbir, bini u attrezzar ta' kliniċi. F'diskors ta' l-okkażjoni l-Ministru irreferiet għall-impenn kontinwu min-naħa tal-Ministeru tagħha illi matul din l-aħħar sena wettaq diversi inizjattivi fil-qasam tas-saħħa għal Għawdex. Preżenti għall-okkażjoni kien hemm ukoll is-Sur John Cremona (Direttur *Customer Services*), Dr. Anthony Livori (Superintendent Sptar Ġenerali t'Għawdex) u Prof. Maurice Cauchi (*Chairman, Hospital Management Committee*).

## Minn Gotland



Persuni li jipprattikaw xi snajja' u membri tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Għawdex ħadu sehem f'wirja dwar is-snajja' Għawdxin imtella' bejn it-13 u t-18 ta' Marzu ġewwa Gotland Art Museum. Din il-wirja ngħatat prominenza mill-mezzi ta' komunikazzjoni Svediżi kif ukoll is-Seminar li sar f'din l-okkażjoni. Is-seminar tkellem dwar kif affarijiet ta' kultura, storja u tradizzjonijiet jistgħu jiġu preservati. Kien mezz ukoll ta' tlaqqigħ ta' kulturi u tradizzjonijiet differenti u taqsim ta' esperjenzi. Fir-ritratt jidhru l-membri li ħadu sehem fis-Seminar.

## Jum iż-Żebbuġ



Għat-tielet sena konsekuttiva, il-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ ħejja program ta' attivitajiet biex ifakkar dan il-Jum. Ġew organizzati kompetizzjonijiet sportive, żjarat lill-anzjani, laqgħa soċjail, żjarat lill-anzjani, laqgħa soċjali għal dawk kollha li jaħdmu fil-volontarjat kif ukoll ċerimonja tat-tberik ta' l-annimali. Fil-knisja arċipretali l-arċipriet Noel Saliba mexxa quddiesa ta' radd il-ħajr. Iċ-ċelebrazzjonijiet laħqu l-qofol tagħhom b'serata ta' tifkira u premjazzjoni. Waqt din is-serata l-Banda Santa Marija daqeet diversi siltiet mużikali. Il-preżentazzjoni tal-Premju Zebbuġi saret mis-Sindku Harry Debono lil Ganni Tabone, superjur tas-Soċjeta` tal-Museum fiż-Żebbuġ.

## Viżita f'Cicciano

Grupp ta' madwar mitt ruħ mil-lokalita' tan-Nadur żaru Cicciano bejn l-1 u s-6 ta' Mejju. Matul din iż-żjara, organizzata mill-Kunsill Lokali tan-Nadur, il-grupp żar Ruma, Pompei, Napli, Casserta u Cicciano fost l-oħrajn. F'Cicciano sar l-iffirmar tal-ġemelaġġ bejn iż-żewġ kunsilli lokali mis-Sindku tan-Nadur Dr. Chris Said u mis-Sindku ta' Cicciano Dr. Rosario Castoria. Iċ-Ċentru tal-*Comune* ta' Cicciano ġie msemmi *Centro Sociale Nadur*.

## It-tfal tal-Qala f'Salina

Permezz ta' l-iffirmar ta' ftehim bejn il-Kunsill Lokali tal-Qala u dak ta' Santa Marina Salina, gżira fit-tramuntana ta' Sqallija, grupp ta' tfal mis-sitt sena ta' l-iskola Primarja President Anton Buttigieg tal-Qala marru f'din il-gżira bejn it-8 u l-15 ta' Ġunju. It-tfal kienu akkumpanjati mis-Sindku tal-Qala Paul Buttigieg, mill-Kap ta' l-iskola Ms. Maria Carmela Formosa u mill-għalliem tat-tfal Lelio Spiteri fost l-oħrajn. It-tfal ittieħdu f'ħafna postijiet sbieħ, fosthom il-gżejjer ta' Lipari, Vulcano, Stromboli u Panarea. It-tfal ingħataw akkoljenza kbira mis-Sindku tal-Comune ta' Santa Marina Salina Dott. Riccardo Gullo u mill-membri l-oħra tal-Comune. Apparti din iż-żjara, il-kunsill lokali diġa' beda t-tħejjijiet biex fix-xahar ta' Settembru grupp ġmielu ta' Qalin li jkun jinkludi fih il-banda tal-lokal *Ite ad Joseph*, iżuru din il-gżira bħala parti mill-istess ftehim ta' ġemellaġġ.

## Qala.com.mt

Dan huwa l-isem ta' website ġdid li l-Ħadd 3 ta' Ġunju, 2001 fl-okkażjoni ta' Jum il-Qala, il-Kunsill Lokali Qala inawgura. Fid-diskors ta' l-okkażjoni, is-sindku Paul Buttigieg faħħar il-ħidma mwettqa mis-sotto kumitat li ħadem fuq dan ix-xogħol u fisser li l-inawgurazzjoni ta' website simili huwa mportanti ħafna għar-residenti Qalin, speċjalment għal ħafna emigranti ta' dan ir-raħal.



## Mitt Sena

Maria Pisani, xebba min-Nadur nhar il-Ħadd 27 ta' Mejju għalqet mitt sena. Għadha tgħix fid-dar tagħha. Toqgħod magħha zijitha, Emanuela Sammut. Maria, għalkemm ma toħroġx mid-dar, għadha tagħmel kollox hi, anke t-tisjir. Fi tfulitha Maria kienet taħdem fir-raba'. Minn għaxart itfal li kienu, għad baqa' xebba oħra ħajja, Pawla ta' 92 sena. Is-Sibt 26 ta' Mejju, Mons. Isqof Nikol Cauchi ċċelebra quddiesa fid-dar ta' l-anzjana. Kien hemm preżenti wkoll fost l-oħrajn il-Prim Ministru.

## Jum il-Premjazzjoni

Il-Ħamis 10 ta' Mejju, l-Iskola tal-Mużika f'Ta' Sannat organizzat Jum il-Premjazzjoni fis-sala ta' l-esebizzjonijiet ġewwa l-Ministeru għal Għawdex. Preżenti għaċ-ċerimonja kien hemm l-ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anton Tabone, il-Ministru għal Għawdex, Ms Joyce Pullicino direttur ta' l-Edukazzjoni għall-Adulti u s-Sur Michael Cassar Assistant Direttur għall-iskejjel Għawdxin. Fil-programm indaqqu diversi siltiet fuq il-kitarra, il-vjolin u l-pjanu minn studenti li kisbu marki sodisfaċenti fl-eżamijiet annwali. Iċ-ċertifikati u l-premijiet tqassmu mill-Ministru għal Għawdex. Fir-ritratt tidher ukoll Ms Frendo, il-kap ta' l-iskola.

## Premijiet tal-Karnival

L-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, il-Ġimgħa 20 ta' April qassmet il-premijiet b'konnessjoni mal-kompetizzjonijiet diversi organizzati matul il-jiem tal-Karnival 2001. Din is-sena seba' kumpaniji differenti pparteċipaw fil-kompetizzjonijiet taż-żfin u kostum ta' l-adulti, ħamsa f'tat-tfal, tmien baned, tnejn għall-kompetizzjoni tal-maskri grotteski u tliet karrijiet trijonfali. Ipparteċipaw ukoll erbatax-il skola u disgħa għall-kompetizzjoni tal-kostumi individwali. Il-Ministeru għal Għawdex ikkontribwixxa Lm12,989 lill-kumpaniji u skejjel parteċipanti.



## Preżentazzjoni ta' Kotba

It-tmien donazjoni ta' kotba lis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu` t'Għawdex saret minn Dr. Raymond C. Xerri, il-Fundatur tal-Fergħa Għawdxija tal-Fondazzjoni Ekoloġika Maltija, l-ECO. Id-donazzjoni, li saret fil-11 ta' Mejju, tikkonsisti f'mitt ktieb u numru konsiderevoli ta' posters edukattivi li jittrattaw temi varji u li ser jintużaw fil-klassijiet kollha u l-libreriji tas-Seminarju. Rev. M. Magro, is-Surmast il-ġdid tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu` rċieva din id-donazzjoni u rringrazzja lil Dr. Xerri ta' din l-inizzjattiva annwali.

## Laqgħa ma' l-Isqof t'Għawdex

Dr. Ray Xerri mill-Moviment Iva Malta fl-Ewropa mexxa delegazzjoni mill-fergħa Għawdxija għand l-Isqof ta' Għawdex l-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Cauchi t-Tnejn 23 ta' April. Preżenti għal-laqgħa kien hemm ukoll l-Avukat Aaron Attard Hili, l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi. L-Isqof Cauchi kien akkumpanjat mill-Assistant Personali tiegħu Dun Anton Refalo. Il-laqgħa saret fil-Kurja ta' l-Isqof fil-belt Victoria. Fil-laqgħa ġew diskussi diversi temi fosthom l-għanjiet tal-Fergħa Għawdxija Iva, il-pjan ta' ħidma 2001 - 2002 tal-Moviment, il-knisja lokali u universali u l-Unjoni Ewropea. It-Tlieta 24 ta' April l-istess moviment iltaqa' ma' l-istudenti fil-Kumpless Sir Mikelanġ Refalo. Laqgħa oħra saret mal-Kunsill Lokali ta' Victoria, fejn ġew diskussi fost l-oħrajn it-traffiku u l-ambjent tal-Belt Kapitali. Fl-10 ta' Ġunju, l-istess moviment iltaqa' ma' delegazzjoni mill-Fondazzjoni OASI.

## Jum Sportiv

Il-Ħamis 31 ta' Mejju nżamm dan l-avveniment sportiv fil-Gozo Stadium. Ħadu sehem ħmistax-il skola primarja. It-tfal ħadu sehem f'diversi logħob kompetittiv. Il-premijiet f'forma ta' midalji tqassmu mis-Sur Michael Cassar l-Assistant Direttur ta' l-Edukazzjoni għal Għawdex.

## Eżebizzjoni ta' Arti

L-iskola ta' l-Arti ta' Għajnsielem bħal kull sena organizzat wirja annwali ta' xogħlijiet li saru fl-iskola matul is-sena li għaddiet. L-inawgurazzjoni tal-wirja li nżammet fis-Sala ta' l-Esebizzjonijiet fil-Ministeru għal Għawdex seħħet fl-24 ta' Mejju mill-Ministru għal Għawdex. Il-Ministru għamlet messaġġ qasir ta' l-okkażjoni. Preżenti fost l-oħrajn kien hemm il-Kap ta' l-Iskola ta' l-Arti, Joseph Buttigieg.



## Premju Lawrenzjan

Għas-seba' sena konsekuttiva l-Kunsill Lokali San Lawrenz organizza l-premju Annweali tal-Premju San Lawrenz li jingħata lil dik l-għaqda li fuq bażi Nazzjonali tkun spikkat fil-ħidma tagħha qalb il-persuni bi bżonnijiet speċjali. Il-preżentazzjoni saret mis-sindku ta' San Lawrenz Noel Formosa waqt serata mtella' apposta fil-pjazza ewlenija tar-raħal ta' San Lawrenz is-Sibt 2 ta' Ġunju. Il-premju ngħata lill-Profs. Giovanni Pace *Chairman* tal-Għaqda Ħbieb tal-Morda u l-Anzjani, rebbieħa tal-Premju San Lawrenz 2001.



# Għawdex 300 sena ilu

Arkivju Nazzjonali Għawdex

## Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 96

Riċerka ta'
Joseph Bezzina
©2001

# *BANDU GĦALL-ĦATRA TA' ĦAŻŻIEN TAL-QAMĦ*

Il-sitta u disgħin dokument li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar Bandu għall-ħatra tal-ħażżien tal-qamħ tliet mit sena ilu. Tinsab reġistrata taħt id-data 4 ta' Ġunju 1701, fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1700-1701), folju 15r (NAG, UG, Acta, 9/1700–1701, f. 15r).

Din hi transkrizzjoni tar-reġistrazzjoni:

*Riferisce Vittorio Grech publico precone di quest'Università del Gozzo d'haver per ordine delli supranominati Sigori Giurati di esssa Università buuato bando dei luoghi publici solite e consueti di detta Isola acciò chi vorrà servire di magazziniere della dett'Università per un'anno comparischa nell'officio Giuratale per per tutto il giorno di Domenica primo venturo con le sue offerte et anche nominare li suoi pleggi per l'amministrazione del magazino, unde...*

Wieħed mill-ikbar dmirijiet ta' l-Universitas ta' Għawdex kien li jipprovdu l-qamħ għall-ħobż lill-poplu kollu ta' Għawdex. Għal dan il-għan, l-Universitas kienet taħseb ħalli tixtri l-qamħ mhux biss minn Għawdex, iżda wkoll minn barra, speċjalment minn Sqallija. Il-qamħ kien jiġi maħżun ġewwa żewġ fosos kbar fil-kwartier ta' San Ġwann fiċ-Ċittadella. Dawn il-fosos, li huma mbaqqna fil-blat u li huma forma ta' qanpiena, għadhom hemm sal-lum. Tasal għalihom billi mill-Pjazza tal-Katidral tieħu triq li jisimha proprju triq il-Fosos. Il-bokka tal-fosos jinsabu sewwa taħt ir-riħ tal-Kavalier ta' San Ġwann.

Vittorio Grech, il-*precone* jiġifieri l-banditur jew il-ħabbar tal-Bandi ta' l-Universitas, avża lil kulmin hu interessat li l-Universitas kienet qegħdha tfittex ħażżien tal-qamħ għal dawn il-fosos. It-tħabbir tal-Bandu, igħidilna d-dokument, sar fil-postijiet tas-soltu. Wieħed minn dawn il-postijiet, u dan nafuh minn dokumenti oħra, kienet il-wesgħa li kien hemm quddiem il-Knisja Matriċi ta' Għawdex.

Min kien interessat jagħmilha ta' ħażżien kellu l-Ħadd ta' wara t-tħabbir tal-Bandu jmur l-uffiċju ta' l-Universitas li, għal dan il-għan, kien sejjer jinżamm miftuħ il-ġurnata kollha. L-interesat kellu jagħmel żewġ ħwejjeġ.

L-ewwelnett kellu jitfa offerta ta' kemm lest li jagħti lill-Universitas għal kull salma qamħ li tiġi maħżuna u wara mibjugħa. Il-ħażżien kien responsabbli wkoll mill-bejgħ tal-qamħ maħżun. Iktar kemm tkun għolja l-offerta, iktar kienet taqla' l-Universitas, iżda inqas kien jaqla hu għax il-prezz tal-qamħ kien kontrollat.

It-tieni, min jagħmel l-offerta kellu jqiegħed pleġġ b'garanzija li l-ħlas miftiehem ikun onorat. Il-pleġġ jidher li seta' jkun anki fuq beni immobbli.

Minn dokument tal-15 ta' Ġunju, 1701, nafu li l-offerta ħadha Pietro Seychel b'żewġ irbiegħi u għaxar ħabbiet is-salma. Seychel kien l-istess persuna li rebħet l-offerta s-sena ta' qabel u għalhekk bi pleġġ offra bħas-sena ta' qabel, iżda dan mhux speċifikat.

Il-ħażżien magħżul kien jibda jaqdi dmiru mill-1 ta' Settembru ta' kull sena.


Adì 4 Giugnio 1701.
~~In posto~~
Riferse Vittorio Grech pub.co precone di quest'Univ.tà del Gozzo d'haver p.
ordine delli sup.ti Sig.ri Giurati d'essa Univ.tà buuato bando nei luoghi publi-
ci solite e consueti di d.a Isola acciò chi vorrà servire di magazziniere
della dett'Univ.tà per un'anno comparischa nell'offitio Giuratale p. tutto
il giorno di Dom.ca p.o venturo con le sue offerte et anche nominare li
suoi pleggi per l'amministrazione del magazino unde...




## Il-Kulleġġ Vokazzjonali u Għawdex

Diffiċli tkun kontra r-riġenerazzjoni tal-MCAST. Dal-Kulleġġ Vokazzjonali ilu s-snin jinħema (taħt diversi Ministri); fl-aħħar wasalna: l-ewwel studenti jidħlu f'Ottubru.

Sfortunatament għandi l-impressjoni li ma ngħatatx biżżejjed attenzjoni lejn l-interessi speċifiċi tal-Għawdxin, li ġejjin mir-realta' differenti tagħna li ma għandu jmeriha ħadd u li qatt ma tista' tispiċċa totalment. U dal-proġett ilu jinkwetani għax rari kien hemm post għal xi Għawdxi fid-diversi kumitati (u allura x'input seta' kien hemm?!)

Is-settur post-sekondarju statali fi gżiritna jikkonsisti prinċipalment miċ-Ċentru Sir Mikelanġ Refalo. Hawnhekk 'il fuq minn sitt mija, l-iktar bejn is-sittax u d-dsatax, jagħmlu korsijiet (f'varjeta' dejjem titwessa') li jwassluhom jew għall-Universita' (u studji ogħla oħra) jew direttament għad-dinja tax-xogħol. Allura istituzzjoni unika f'pajjiżna.

It-twaqqif tal-Kulleġġ (b'kampus prinċipali f'Kordin) se joħolqilna taqlib negattiv sew għal Għawdex u l-Għawdxin. Jidher li l-intenzjoni hi "sempliċement" li - bla vuċi Għawdxija - ikollna skrivan li jikkomunika d-deċiżjonijiet tad-diversi Istituti (fakultajiet) dwar x'korsijiet jiftħu Għawdex. Peress li l-Kumpless M.A. Refalo se jibqa' joffri (taħt id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni) il-korsijiet tal-MATSEC, nara problemi loġistiċi serji immedjati u futuri.

Nistgħu allura naħsbu fil-possibilta' li Għawdex jitwaqqaf xi tip ta' "Viċi Kulleġġ"? Alternativament iċ-Ċentru għall-Istudji Avanzati Sir Mikelanġ Refalo jipprepara 'l-Għawdxin awtonomament għal eżamijiet u kwalifiki ċertifikati minn bordijiet lokali u barranin. Hekk jew hekk, in-*National Vocational Qualifications* (NVQs) issa jirrikjedu t-"timbru" tal-Kunsill li għadu kif inħoloq għal dal-qasam.

Każ ċar ta' bżonn ta' diskussjoni publika!

## Inbiegħu l-Kwiet u l-Mistrieħ

Waslulna xi ilmenti minn grupp ta' residenti tal-bajja tal-Qbajjar li jixtiequ jistaqsu lil min hu responsabbli mill-ordni pubblika f'Għawdex għaliex donnu jidher li ma jittieħdux passi biex f'din il-bajja u fl-inħawi qed jiġi permess ċertu storbju f'ħinijiet li suppost huma għall-mistrieħ. Mhux l-ewwel darba kitbulna, li dawn ir-residenti ċemplu lil min responsabbli u baqa ma sar xejn. Kif nistgħu nippretendu li niġbdu aktar turisti u barranin biex jiġu jqattgħu mumenti ta' mistrieħ fostna jekk m'aħniex kapaċi inżommu ftit ordni biex il-prodott tagħna li joffri serħan u mistrieħ inbiegħuh tajjeb? Dan il-prodott rridu nibżgħu għalih. Kulħadd irid jagħti s-sehem tiegħu mill-kbir taż-żgħir!



## Madwar il-Qolla l-Bajda

Ilment ieħor li wasslulna r-residenti tal-Qbajjar huwa dwar l-istat xejn sabiħ li tinsab fih l-*area* ta' ħdejn il-Qolla l-Bajda, l-Qbajjar. Snin ilu kien inbeda xi xogħol biex tissebbaħ din iz-zona u għal xi raġuni waqaf kollox. Kien qed jinbena *boundary wall* biex tiġi kkonservata din iz-zona u donnu li waqaf ukoll ix-xogħol fuqu. Issa dan l-aħħar din iz-zona qed tintuża bħala *track* għall-vetturi *off-road* tant li ġieli tara muturi u trakkijiet tqal jixxabbtu ma l-istess Qolla l-Bajda. Imma xi stonku għandna biex inkomplu nagħmlu sreġji lill-ambjent tagħna?

## Mose' f'Għawdex

Jiena ngħid għalija l-ħdura fl-għelieqi nħobbha u nitgħaxxaq biha. Inħobbha fix-xitwa u wisq iżjed fis-Sajf basta din ma tkunx ta' detriment għall-saħħitna. Tinnutaw bħali kif Għawdex tagħna qed iħaddar fis-Sajf ukoll? Dan mhux qed jiġri għax qed tagħmel ix-xita imma għax ħafna riedu jimitaw lil Mose' u ħabbtu fuq il-blata u beda hiereġ l-ilma. U hiereġ tafux! Dawn il-Mosejiet Għawdxin, ma nafux jekk hux b'intervent divin jew politiku irnexxielhom iħaffru diversi bore-holes fl-għelieqi tagħhom u l-ftit ilma li suppost qiegħed hemm għall-konsum domestiku tagħna l-Għawdxin qed itellgħuh u jagħmlu l-kummerċ minnu biex ikabbru l-prodotti tagħhom. Peress li dan l-ilma l-biċċa l-kbira minnu huwa ilma li jidħol mill-baħar tagħna u jissaffa mill-melħ fuq medda ta' żmien mhux ħażin, qed jiġri li peress li qed intellgħu kwantita' kbira fi żmien qasir qed neqirdu dan il-proċess u ma ndumux ma jkollna nixorbu ilma mielaħ jew naraw minn fejn ser insibu ftit ilma tajjeb għax-xorb. Kien hemm xi ħadd ta' kuxjenza li pprova jieħu ftit passi imma xi ħadd ikbar minnu waqqfu. Is-sinjal li ngħata kien, komplu ħaffru u komplu tellgħu l-ilma, meta mbagħad ikun tard wisq naraw x'nagħmlu!

## It-Terminal ta' l-Imġarr



Aħna favur dak kollu li jġib 'l quddiem l-gżira tagħna. U naqblu ma kull proġett ta' fejda għalina l-Għawdxin basta dan isir bi studju u jekk jista jkun b'konsultazzjoni biex jiġu ukoll mismugħa x-xewqat ta' dawk li għalihom huma ndirizzati dawn il-proġetti. Dwar it-trasport bejn Malta u Għawdex ngħiduha bla tlaqliq sar ħafna titjib, saret qabża kbira fil-kwalita' speċjalment bil-vapuri l-ġodda. Issa jmiss il-bini tat-terminal tal-Imġarr imma fuq dan jeżistu opinjonijiet diversi kif jixdhu id-diversi pjanijiet li ġew proposti. Hemm min qed jibża ġustament li dan il-bini ser jgħarraq id-dehra pittoreska tal-port tagħna. Hemm min qed iħoss li nistgħu ngħaddu mingħajru. Hemm imbagħad min qed isostni li jekk ma jsirx il-proġett li nbeda bil-vapuri l-ġodda jitwaqqaf bin-nofs għax min jużahom ser jibqa' jbati. Naħseb li hemm bżonn ta' aktar tagħrif, aktar konsultazzjoni, u aktar studju qabel ma nidħlu għal proġett f'zona sensittiva bħalma hu l-port tagħna. Bil-limiti kollha tiegħu huwa wieħed mis-salotti tagħna l-Għawdxin!

## Proġett MAS tal-Millenju

Naħseb li ħafna Għawdxin semgħu bl-inizjattiva tal-MAS li jorganizzaw diversi *seminars* dwar suġġetti li jolqtu lilna l-Għawdxin, Dawn l-istudji kellhom, bħala għan it-tisħiħ tal-valuri tal-kultura u ta' l-etika fil-komunita` Għawdxija. Dan il-proġett ġie fit-tmiem tiegħu b'seminar konklussiv is-Sibt 16 ta' Ġunju li sar f'Għajnsielem. Mad-daqqa t'għajn lejn is-sintesi finali wieħed jinnota diversi tentattivi serji ta' analisi tas-soċjeta' tagħna bl-isfidi kollha li qed ikollha tħabbat wiċċha magħhom. Hemm ukoll diversi proposti li jistgħu jitwettqu minn min għandu xi forma ta' responsabilita' ta' tmexxija fil-komunita' tagħna. Pero' hemm **imma** kbira! Min ser ikompli jsegwi dawn il-proposti biex jaraw li jitwettqu jekk mhux kollha, almenu l-biċċa l-kbira minnhom? Inkella r-riskju hu li nkunu ħloqna proġett ieħor li jibqa' biss fuq il-karti!






L-INTERVISTA

# Is-Seminarju

## - Formazzjoni Spiritwali u Akkademika

FL-OKKAŻJONI TA' L-ORDINAZZJONI TA' SITT SAĊERDOTI ĠODDA FID-DJOĊESI GĦAWDXIJA, DUN EDDIE ZAMMIT INTERVISTA LIL DUN ANTON TEUMA, RETTUR TAS-SEMINARJU "QALB TA' ĠESU`" DWAR IL-FORMAZZJONI LI JIEĦDU S-SEMINARISTI BI TĦEJJIJA GĦAL DAN IL-JUM.

1. *Ix-xahar ta' Ġunju għas-seminarju u għall-Knisja f'Għawdex huwa xahar li jġib miegħu ferħ kbir għax fih ġeneralment isiru l-ordinazzjonijiet tas-saċerdoti u d-djakni l-ġodda. Din is-sena għandna sitt saċerdoti ġodda. Kif tħares personalment lejn din il-ġrajja?*

L-ordinazzjoni ta' saċerdot ġdid hija ġrajja speċjali. Is-saċerdot huwa sinjal tal-preżenza ta' Alla fost il-poplu; f'pajjiżna għad baqa' ħafna rispett lejn il-persuna tas-saċerdot. Għalhekk l-ordinazzjoni ta' saċerdot ġdid hija ġrajja mportanti ħafna. Il-vokazzjonijiet huma sinjal ta' Knisja ħajja. Sitt vokazzjonijiet fi djoċesi żgħira bħal tagħna juru li minkejja d-difetti kollha, l-Ispirtu s-Santu qiegħed jaħdem fil-Knisja Għawdxija u jagħti l-frott. Żgur li ma' kull vokazzjoni hemm marbuta ħafna nies. Normalment ikun hemm il-kappillan jew xi saċerdoti, drabi oħra jkun hemm xi membri tal-għaqdiet. Żgur li dejjem ikun hemm l-għajnuna u t-talb tal-ġenituri u l-familjari. Għalhekk, l-ordinazzjoni hija okkażjoni ta' ferħ kbir fil-familja, fil-parroċċa u fid-djoċesi kollha.



Ukoll, l-ordinazzjoni hija okkażjoni ta' ferħ għall-komunità kollha tas-seminarju, saċerdoti, għalliema, seminaristi u sorijiet. Fl-aħħar mill-aħħar l-ordinazzjoni hija l-għeluq u l-iskop tal-ħajja fis-seminarju.

Għalija u għal sħabi l-edukaturi l-oħra, l-ordinazzjoni hija mument sabiħ ħafna. Wara snin ta' formazzjoni u ta' ħajja flimkien, iż-żagħżugħ jasal f'waqt li fih jilħaq wieħed mill-għanijiet ta' ħajtu. Flimkien mas-sodisfazzjoni, l-ordinazzjoni hija mument ta' riflessjoni. Aħna nħossuha bħala sejħa biex inkomplu nitħeġġu ħalli nwettqu dejjem aħjar il-missjoni delikata tal-formazzjoni. Ukoll, aħna nqisu l-ordinazzjoni bħala rabta, bejnietna l-edukaturi u s-saċerdoti l-ġodda. Is-snin ta' ħajja flimkien ma jistgħux jintesew ma' l-ordinazzjoni.



2. *Int flimkien ma' l-istaff tal-formazzjoni tas-Seminarju issegwu l-vokazzjoni ta' kull inividwu kważi mill-bidu tat-tnissil tagħha. Jgħidu li kull vokazzjoni hija storja għaliha. Imma hemm xi karatteristiċi komuni li ssibhom f'kull sejħa? X'hemm bażikament wara kull sejħa?*

Kif għidt int, kull vokazzjoni hija storja għaliha. Imma nistgħu ngħidu li xi elementi huma komuni, għalkemm differenti fiż-żmien jew fl-intensità. Normalment, meta jidħol is-seminarju, iż-żagħżugħ huwa mimli bl-entużjażmu. Matul l-ewwel sena jħoss li laħaq wieħed mill-iskopijiet importanti ta' ħajtu - li jkun seminarista. Wara l-esperjenzi ġodda ta' l-ewwel sena normalment jibda jaffaċċja r-realtà tiegħu nnifsu u tal-vokazzjoni. Jibda jiskopri lilu nnifsu u jimmatura l-ideat tiegħu dwar is-saċerdozju. Is-sena li jagħmel barra minn Malta, li taħbat f'nofs il-mixja formativa, iġġib magħha xi preokkupazzjonijiet. Din l-esperjenza hija sfida għas-seminarista. Jibda jinduna li ser jgħix għal xi żmien 'il bogħod mill-familja, mill-parroċċa, mill-ħbieb u mill-ambjent tiegħu tas-soltu. Jibda jiftakar li ser isib ruħu f'sitwazzjonijiet totalment ġodda, lingwa ġdida, nies ġodda. Dan iġib miegħu taqliba fil-qalb u fil-moħħ tiegħu, taqliba li tgħinu jkompli jikber.

Normalment, l-esperjenza tas-sena ntermedja tkun pożittiva, tant li meta jerġa' jiġi lura, iż-żagħżugħ isibha bi tqila biex jerġa' jidħol fil-ħajja tas-seminarju. Matul is-sena li twasslu għall-ordinazzjoni tad-djakonat is-seminarista jsir aktar konxju ta' l-istat li għalih dieħel. Dan iġib miegħu mument ta' grazzja, u ż-żagħżugħ ikun disponibbli ħafna għall-formazzjoni. Fis-sena ta' qabel il-presbiterat, id-djaknu jibda' jaħseb fil-prattika x'ser jagħmel fil-futur bħala saċerdot. Huwa ż-żmien meta jkun qiegħed iħejji ruħu għall-ordinazzjoni u għall-ħajja tiegħu bħala saċerdot.

3. *Meta żagħżugħ iħossu imsejjaħ għal vokazzjoni saċerdotali irid jgħaddi minn snin kemm xejn twal ta' formazzjoni. Kif inhuma mqassmin dawn is-snin? Kif inhi maħduma din il-formazzjoni? X'għanijiet trid tilħaq?*

L-iskop prinċipali tal-formazzjoni fis-seminarju huwa li ż-żagħżugħ isir jixbah lil Ġesù ir-Ragħaj it-Tajjeb. Biex din il-formazzjoni tkun sħiħa trid taħdem fuq l-umanità, l-ispiritwalità, it-tagħlim u l-kultura kif ukoll fuq il-kapaċitajiet pastorali tas-seminarista. Kull żagħżugħ għandu l-pass tiegħu, għalhekk mhux bilfors li wieħed idum daqs l-ieħor sakemm iħossu preparat biex jidħol għall-ministeru

tas-Saċerdozju. Aħna nipproponu almenu seba' snin, li jistgħu jitwalu jew jinqasmu. Xi żgħażagħ, bi ftehim mas-superjuri, jagħżlu li jtawwlu s-snin tal-formazzjoni tagħhom, jew li jieqfu għal xi snin u mbagħad ikomplu. Kull persuna għandha l-passi u l-mixja tagħha. Fil-formazzjoni tas-seminarju, l-aktar ħaġa importanti mhix li tasal biex tordna fl-inqas żmien possibli, iżda li tifforma qalb kemm jista' jkun tixbah lil dik ta' Gesù Ragħaj. Imbagħad kull sena tal-formazzjoni jkollha l-iskop speċifiku tagħha.

**4.** *Kif diġa' aċċenajt int, f'nofs il-kors tal-formazzjoni hemm waqfa ta' sena li fiha tingħata formazzjoni diversa. Din is-sena komunament magħrufa bħala sena intermedjarja s-seminarista jmur barra minn Malta u jfittex li jagħmel esperjenzi differenti. F'hiex jikkonsistu dawn l-esperjenzi? X'valur hemm wara dawn l-esperjenzi?*

Wieħed mir-rigali sbieħ li ħallewlna l-edukaturi ta' qabilna huwa ż-żmien tas-sena ntermedja. Normalment wara l-ewwel tlett snin ta' formazzjoni, is-seminarista jħalli s-Seminarju, il-familja, il-parroċċa u l-pajjiż u jmur f'pajjiż ieħor. Hemm ikollu ċans jagħmel esperjenzi diversi. Uħud imorru jagħmlu esperjenza pastorali f'xi parroċċa, oħrajn jaħdmu fil-volontarjat, oħrajn jagħmlu xogħol normali f'fabbrika. Is-seminaristi flimkien magħna l-edukaturi, jippjanaw is-sena ntermedja skond il-ħtiġijiet ta' l-istess formazzjoni tagħhom. L-iskop tas-sena ntermedja huwa li jkomplu l-formazzjoni li tkun bdiet fis-seminarju billi jagħmlu esperjenzi ġodda, jikbru fl-awtonomija u jkollhom żmien ta' dixxerniment.

**5.** *Fis-Seminarju tingħata formazzjoni akkademika permezz ta' lecturers Għawdxin. Minn xi snin 'l hawn is-Seminarju huwa ukoll affiljat mal-Università Pontifiċia Angelicum ta' Ruma u b'hekk fit-tmiem tal-kors jingħata rikonoxximent akkademiku lill-istudenti li jtemmu l-kors tagħhom. Kemm hija importanti l-formazzjoni akkademika fis-saċerdoti futuri? Kif tħares lejn il-fatt li d-Djoċesi t'Għawdex għandna din l-istituzzjoni akkademika, unika fil-gzira tagħna?*

Grazzja oħra li għandhom is-saċerdoti Għawdxin hija l-possibilità li fis-snin li jagħmlu barra minn pajjiżhom ikomplu l-istudji tagħhom f'xi università kattolika. Għalhekk il-maġġoranza tas-saċerdoti Għawdxin għandhom degree ta' liċenza jew dottorat fi xjenzi teoloġiċi, filosofiċi jew umani. Uħud minn dawn is-saċerdoti ġew magħżula minn Mons. Isqof biex iwasslu t-tagħlim tal-filosofija, tat-teoloġija u xjenzi oħra liż-żgħażagħ li qegħdin iħejju ruħhom għas-saċerdozju. Mill-1994 'l hawn, l-Istudju Teoloġiku tas-seminarju tagħna huwa affiljat ma' l-Università Pontifiċja Angelicum. Dan sar bil-ħidma bla waqfien ta' Mons. Isqof flimkien ma' l-edukaturi ta' dak iż-żmien u ta' dawk li ġew qabel. Dan ifisser li din l-Università tagħraf il-livell għoli ta' tagħlim li jsir fis-seminarju tagħna u għalhekk fl-aħħar tal-kors tagħti d-degree tal-Baċċellerat (S.Th.B) lill-istudenti tagħna. Il-formazzjoni akkademika hija importanti ħafna għas-saċerdot. Wieħed mix-xogħlijiet tiegħu huwa dak tat-tagħlim, għalhekk is-seminarju jrid jieħu bis-serjetà l-formazzjoni akkademika.

**6.** *Wara l-ordinazzjoni tagħhom diversi saċerdoti ikomplu bl-istudju tagħhom f'universitajiet oħra fosthom f'Ruma. Xi snin ilu dan l-istudju kien iwassal l-aktar biex jiġu ffurmati il-futuri lecturers f'istituzzjonijiet ta' formazzjoni. Dan ma jidhirx li għadu l-kas. Kemm taħseb li hija importanti l-formazzjoni wara l-ordinazzjoni?*

Kif diġà semmejt, is-seminarju tagħna huwa mogħni b'għadd sabiħ ta' *lecturers* ffurmati barra minn Malta, f'universitajiet ta' fama nternazzjonali. Erbgħa minn kull ħames saċerdoti li ħarġu mis-seminarju ta' Għawdex f'dawn l-aħħar snin għażlu li jkomplu l-istudji tagħhom. Aħna nafu li l-formazzjoni tas-saċerdot ma tieqafx ma' l-ordinazzjoni, anzi tkompli u tibqa' sejra matul ħajtu kollha. Iżda b'mod speċjali fl-ewwel snin wara l-ordinazzjoni huwa meħtieġ li s-saċerdot żagħżugħ ikompli jifforma ruħu. Għalhekk aħna ninkoraġġixxu lis-saċerdoti l-ġodda biex ikomplu jispeċjalizżaw fl-istudji tagħhom.

**7.** *Minbarra l-formazzjoni akkademika is-seminaristi jingħataw ukoll ukoll formazzjoni spiritwali u pastorali. Kemm jingħata spazju għal din il-formazzjoni? X'taħseb li qed jistennew l-insara ta' żmienna minn dawk li ser ikunu l-mexxejja spiritwali tagħhom?*

Inħoss li n-nies ta' żmienna jistennew ħafna mis-saċerdot. Jixtieqhu jiltaqgħu ma' bniedem matur, li kapaċi jidħol f'relazzjoni awtentika u sempliċi ma' kulħadd. Jixtieqhu li jkun bniedem li kapaċi jisma', jifhem u jħoss magħhom. Jixtiequh bniedem magħqud ma' Alla, li jitkellem fuq Alla b'mod li jiftiehem u li jgħix dak li jgħid. Fi ftit kliem, naħseb li s-saċerdot ta' llum għandu jkun espert fl-umanità u espert



fl-intimità ma' Alla. Għalkemm l-istudju tal-filosofija u tat-teoloġija huwa importanti, iżda mhux kollox fil-formazzjoni. Mal-formazzjoni akkademika jrid ikun hemm il-formazzjoni umana, il-formazzjoni spiritwali u l-formazzjoni pastorali. Matul il-ġurnata jew matul il-ġimgħa, minbarra l-ħin tal-lezzjonijiet, hemm il-ħin dedikat għall-formazzjoni umana, il-ħin għat-talb u l-liturgija u l-ħin għat-*training* pastorali.

**8.** *Meta wieħed jikkunsidra li f'Għawdex għandna numru mhux ħażin ta' saċerdoti taħseb li xorta waħda għandna nibqgħu nahdmu għal iktar vokazzjonijiet? Żagħżugħ li jħossu msejjaħ jista' jassigura ruħu li hemm xogħol għalih? X'sehem tista' tagħti l-familja fit-tnissil tal-vokazzjonijiet?*

Li kieku l-Knisja Kattolika kienet teżisti f'Għawdex biss allura konna ngħidu li l-Ispirtu s-Santu żejjinna b'numru sabiħ ta' saċerdoti u nikkuntentaw rwieħna. Iżda billi l-Knisja hija universali u billi l-Ispirtu s-Santu żejjinna b'ħafna vokazzjonijiet, ma nistgħux naħsbu biss fina nfusna. Is-Seminarju jaqdi l-ħtiġijiet tad-djoċesi u tal-Knisja. Hija ħtieġa ta' l-istess djoċesi li jkollha saċerdoti missjunarji, jiġifieri li jmorru jaħdmu f'pajjiżi fejn hemm ħtieġa ta' saċerdoti.

Inħoss li f'pajjiżna normalment il-vokazzjonijiet jiddependu, 60% mill-ambjent familjari, 30% mill-ambjent parrokkjali jew ta' l-għaqda li jattendu u 10% mill-ħidma għall-vokazzjonijiet. Nistgħu ngħidu li hekk kif Alla l-Missier sab f'Marija persuna preparata biex tilqa' fi ħdanha u tifforma l-Iben għażiż tiegħu, hekk ukoll għadu jsib fil-familji Għawdxin ġenituri preparati li jilqgħu u jrawwmu persuni msejħa biex jimxu warajh.

9. *X'tistenna mill-insara ta' Għawdex? Xi kwalità ta' għajnuna jew support jistgħu joffru lis-Seminarju tad-Djoċesi tagħna?*

Naħseb li hemm ħidma għall-vokazzjonijiet li kulħadd jista' jagħmel, imma li ftit li xejn nitkellmu dwarha. Inħoss li din hija l-aqwa ħidma u l-aktar effikaċi: Li wieħed jipprova jgħix il-ħajja nisranija tiegħu bis-serjetà, skond is-sejħa personali tiegħu. Naħseb li din hija l-iktar ħidma importanti u li tħalli frott. Iż-żgħażagħ li jwieġbu "*iva*" għas-sejħa ta' Alla għandhom bżonn jaraw b'għajnejhom nies oħra ħuthom li jagħmlu l-istess fil-vokazzjoni partikolari tagħhom. Il-Vokazzjonijiet huma l-frott ta' ħajja nisranija tajba, mhux biss taż-żgħażagħ imsejħa iżda wkoll tal-komunità nisranija li minnha jiġu. Imbagħad hemm ħidma għall-vokazzjonijiet li hija aktar diretta: l-insara jistgħu jaħdmu għall-vokazzjonijiet billi jitolbu biex aktar żgħażagħ, xebbiet u ġuvintur, jagħżlu t-triq tal-Imħabba perfetta kif murija fil-Vanġelu.

Nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-benefatturi kollha tas-Seminarju tagħna, li jgħinuna mhux biss bit-talb, mhux biss bil-ġabra li nagħmlu fir-Randan, iżda wkoll billi minn żmien għal żmien joffrulna minn dak li l-Mulej jipprovdilhom. Nirringrazzja lilek ta' din l-opportunità li tajtni li nitkellem mal-qarrejja tiegħek dwar is-Seminarju.

Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.



# "Kliem il-Papa jitnaqqax f'qalbna"

## IS-SEJĦA NISRANIJA

*"Għeżież ħbieb maltin*
- *Għożżu s-sejħa nisranija*
- *U **Kunu Kburin** tal-Wirt Reliġjuż u Kulturali tagħkom,*
- *Ħarsu lejn il-ġejjieni b'tama*
- *U imxu b'ħeġġa kbira, biex tagħmlu dan il-Millennju Ġdid żmien*
  - *ta' solidarjetà u paċi*
  - *ta' mħabba lejn il-ħajja*
  - *ta' rispett lejn il-ħolqien kollu".*

*(Ajruport)*



## WIRT MILL-AQWA

*"Fidili lejn il-Missier tagħkom fil-Fidi, l-Appostlu Pawlu, intom **MAGĦRUFIN** fil-Knisja għall-**ĦEĠĠA** u ż-**ŻELU MISSJUNARJU** tagħkom.*
*Malta għandha*
***WIRT NISRANI mill-AQWA***
*li intom bir-raġun kburin bih.*
*Iżda dan il-WIRT huwa wkoll*
*- **DON U RESPONSABILITA` KBIRA**".*

*(Fuq il-Fosos)*



## IT-TIENI MISSIER

*"Dun Ġorġ Preca huwa Pijunier fil-qasam tal-Kateketika u biex ġab 'il quddiem ir-rwol tal-lajċi fl-apostolat.... B'hekk sar bħallikieku t-TIENI MISSIER TA' MALTA FIL-FIDI"..*

*(Fuq il-Fosos)*

## "IL-MANSWETUDNI"

*"Dun Ġorġ ħeġġeġ lil sħabu Nsara biex jimxu fuq l-eżempju tal-Mulej Imsallab u jaħfru kull offiża.*

*Messaġġ bħal dan ta' **RISPETT** lejn xulxin u maħfra, m'huwiex hekk meħtieġ illum f'Malta u fid-dinja?*

*Iva tabilħaqq, l-UMILTA` TAL-BEATITUDINI għandha l-qawwa li tbiddel*
- *Il-Familja*
- *Il-Post tax-xogħol*
- *L-iskejjel*
- *L-Ibliet u l-Irħula*
- *Il-Politika* u
- *Il-Kultura".*

*(Fuq il-Fosos)*



## IL-KNISJA THARES LEJN MALTA

*"Fiż-żerniq ta' Millennju ġdid*
*il-Knisja tħares lejk MALTA,*
*biex tgħix is-sejħa tiegħek*
*- apostolika*
*- missjunarja*
*b'ħeġġa dejjem akbar".*

*(Fuq il-Fosos)*

## F'MILLENJU ĠDID

*... Kulħadd hu msejjaħ biex jaħdem flimkien biex iġib 'il quddiem is-saltna ta' Kristu ta'* ***Ġustizzja, Paċi u Mħabba.***
*Jalla l-Knisja f'Malta, bl-interċessjoni tal-beati ġodda timxi 'l quddiem b'FIDUĊJA F'ERA ġdida ta' għaqda u responsabiltà maqsuma bejn kleru - reliġjużi - u lajċi.*
*Din tagħti lill-Kattoliċi Maltin BIDU FRISK li jgħinhom* ***Jidħlu b'Fiduċja fil-Millennju l-Ġdid...***

*(Fuq il-Fosos)*

## "INT IRĊIVEJT ĦAFNA"

*MALTA, MALTA*
*INT IRĊIVEJT ĦAFNA*
*mill-ministeru ta' San Pawl, u x-xhieda tal-Beatu Dun Ġorġ, tal-Beatu Nazju Falzon u tal-Beata Adeodata.*

*Hekk kif timxi lejn il-ġejjieni*

- *IBQA' FIDILA għall-wirt li ħallewlek*
- *IMXI WARA KRISTU b'qalb sħiħa*
- *U QATT TIBŻA' TIXHED*
  *- GĦALL-VERITA' LI SSALVA*
  *- U GĦALL-VALURI LI JWASSLU għall-ħajja.*

## BLATA

*IL-GŻIRA TA' MALTA HIJA BLATA li tixref mill-baħar, fejn ħafna drabi l-ħamrija hija baxxa u x-xemx tikwi.*

*Ukoll il-post fejn qed niltaqgħu jġib l-isem ta' "BLATA L-BAJDA".*

*Minkejja dan, iżda, tul is-sekli, Malta kienet*
*ĠENERUŻA U FERTILI*
*B'MOD STRAORDINARJU*
*fit-toroq l-aktar profondi ta' l-Ispirtu.*

*(Blata l-Bajda)*

## ĦAMRIJA TAJBA

*Il-Fidi mhux mitħarrka (jiġifieri sħiħa) tal-poplu Malti assigurat li din il-blata (Malta) kienet il-ħamrija t-tajba li dwarha jitkellem l-Evanġelju.*

*F'din il-ħamrija, il-beatu Ġorġ Preca żera s-soċjetà tad-Duttrina Nisranija fejn kotrot tul is-sekli tal-ħajja tagħha.*

*(Blata l-Bajda)*

## L-ADDIO

*"Fit-tmiem ta' l-ewwel żjara tiegħi jien għidtilkom li mal-wasla tiegħi f'Ruma kont ser ngħid lill-Appostlu Pawlu li l-Maltin kienu "POPLU KATTOLKU TAJJEB".*

*Issa ser ngħid lill-Patrun tagħkom li GĦANDKOM TKOMPLU DAK LI RIED HU - "titqabdu t-taqbida tajba tal-fidi, tqisu li tirbħu l-ħajja ta' dejjem li għaliha kontu msejħin".*

*(Qabel it-tluq)*

*Lill-Knejjes ta' Malta u Għawdex ngħidilkom biss dan:*

- *KUNU LEALI lejn San Pawl Missier tagħkom fil-fidi f'dawn il-gżejjer.*
- *IBQGĦU F'GĦAQDA SĦIĦA ma' Pietru u mal-Knisja Universali.*

*B'dan il-mod tkunu dejjem LEALI lejn Kristu*



**"GRAZZI MALTA. IL-BAMBIN IBERIKKOM ILKOLL".**



# KIF TIFFORMA L-QALB TAR-RAGĦAJ

*Dun Alex Refalo*
*Direttur Spiritwali tas-Seminarju*

Fil-ħajja tas-seminarista jeżistu erba' *areas* f'dik li hija formazzjoni. Teżisti d-dimensjoni umana, spiritwali, kulturali u pastorali. Minnhom kollha però, l-formazzjoni spiritwali hija meqjusa bħala l-qalb tal-formazzjoni kollha għas-saċerdozju, u filwaqt li hija magħġuna mat-tliet areas l-oħra, hija tgħaqqadhom flimkien lejn għan ewlieni. Fil-programm tal-formazzjoni, kollox huwa ndirizzat lejn il-formazzjoni tal-qalb tas-seminarista sakemm din toqrob dejjem iżjed u ssir il-qalb ta' Ġesù, ragħaj tal-merħla. Dan jikkonferamah id-dokument tal-Papa, *Pastores Dabo Vobis*.

Malli ġuvni jibda t-triq tas-saċerdozju fis-seminarju, jkollu quddiemu seba' snin ta' tħejjija. Kull sena sservi bħala tarġa sakemm is-seminarista jasal jitwaħħad ma' Kristu Saċerdot.

Fl-ewwel sena s-seminaristi huma mistiedna li jkollhom awareness iżjed qawwija tal-fidi taghhom f'Ġesù u għaqda iżjed mill-qrib miegħu. Jibdew jaraw kemm allat foloz kien hemm f'ħajjithom u fl-aħħar tas-sena jiġu mistiedna biex jagħmlu stqarrija tal-fidi tagħhom fil-veru Alla.

Is-seminaristi tat-tieni sena jiġu mgħejjuna biex jgħarfu b'iżjed intensità li huma nies maħbuba u msejħa minn Alla. B'dan il-mod huma jibdew jaraw l-avvenimenti kollha tal-ħajja passata tagħhom bħala grazzja, anke dawk li nfluwenzawhom b'mod negattiv. F'kelma waħda jibdew jaraw kollox bl-għajnejn tal-ħniena u l-imħabba t'Alla. Dan iwassalhom biex fl-aħħar żmien

tas-sena jfaħħru lil Alla għall-eżistenza tagħhom u għal dak kollu li Alla għamel magħhom.



It-tielet sena tiċċentra fuq l-imħabba bħala rigal minn Alla. Jieħdu bħala mpenn li jkabbru l-għaqda u r-rikonċiljazzjoni ma' sħabhom is-seminaristi. Is-seminarju jsir għalihom okkażjoni biex iwettqu fil-prattika din il-virtù ta' l-imħabba.

Fis-sena ntermedjarja s-seminaristi jħallu s-seminarju, il-familja u 'l pajjiżhom, u jmorru jgħaddu sena f'parroċċa, f'volontarjat jew f'xogħol manwali. Hawnhekk, ħielsa mill-programm stabilit tas-seminarju, jkollhom iżjed opportunità li jiċċaraw il-motivazzjonijiet għas-saċerdozju, u fl-istess ħin jikbru fil-konvinzjonijiet personali tagħhom li jimxu wara Ġesù. Hija għalhekk is-sena tad-dixxerniment.



Meta s-seminaristi jiġu lura minn barra, jibda għalihom żmien il-preparazzjoni biex jirċievu l-ministeru tal-Lettorat. Huma jiġu mħeġġa jikbru iżjed fir-rispett lejn il-Kelma t'Alla b'mod li l-Bibbja ssir għalihom il-punt ta' riferiment f'dak li jwettqu. Il-virtù li huma mistiedna jħaddnu b'mod partikolari hija l-Ubbidjenza lejn ir-rieda t'Alla.

Fis-sitt sena is-seminaristi jippreparaw ruħhom biex jirċievu l-ministeru ta' l-Akkolitat u wara dan l-Ordni tad-Djakonat. Hija għalihom is-sena ta' l-Ewkaristija u tal-Qadi. Jibdew japprezzaw iżjed il-valur taċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija u l-Adorazzjoni. L-għaqda tagħhom mas-sagrifiċċju ta' Kristu twassalhom igħixu b'ċertu mpenn il-virtù tal-faqar. Matul din is-sena xi wħud mill-ħidmiet tagħhom jiġu ndirizzati lejn id-diversi tipi ta' faqar li għandna fid-djoċesi.



Id-djakni, fl-aħħar sena tagħhom fis-seminarju huma mistiedna jagħmlu sintesi tal-formazzjoni saċerdotali kollha tagħhom. Huma jgħixu d-don tal-Kastità u jsiru dejjem iżjed qrib il-persuna ta' Ġesù. Il-Verġni Marija fl-għotja totali tagħha lil Alla ssir għalihom omm u mudell. Hija s-sena tas-saċerdozju.



Dawn is-seba' snin huma magħġuna mal-programm tal-ħajja ta' kuljum. Għalhekk is-seminaristi jkollhom: iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, l-adorazzjoni ewkaristika, il-meditazzjoni, il-Lectio Divina li tikkonsiti f'meditazzjoni fuq il-qari tal-Vanġelu tal-Ħdud u l-qsim ta' l-esperjenzi ta' kif qed tiġi mgħixha l-Kelma, ir-reċita ta' xi partijiet mill-Liturġija tas-Sigħat, id-devozzjoni lejn il-Madonna bħalma huma r-Rużarju u l-Angelus - barra minn dan jeżistu devozzjonijiet oħra bħalma huma dawk lejn il-Qalb ta' Ġesù, lejn San Gużepp u oħrajn - il-laqgħat regolari mad-direttur spiritwali, il-qari spiritwali (f'dan ir-rigward is-sena l-oħra ftaħna Librerija Spiritwali għall-użu tas-seminaristi), l-irtiri, il-laqgħat li t-team tal-formators jagħmel regolarment, l-attenzjoni biex is-seminarista jgħix skond l-ispirtu tas-sena liturgika, il-possibilità biex kull nhar ta' ġimgħa s-seminaristi jkollhom il-konfessur għad-dispożizzjoni tagħhom... u possibiltajiet oħra ta' din ix-xorta. Dawn ikomplu jikkonfermaw l-attenzjoni partikolari li għandu s-seminarju lejn il-formazzjoni spiritwali tas-saċerdoti ta' għada.



It-talb għall-benefatturi qatt ma jitħalla barra mill-programm ta' kuljum. Kull seminarista jaf li ħafna mill-possibilitajiet li għandu f'idejh biex jimxi fit-triq tal-qdusija permezz tas-saċerdozju, huma proprju mertu tal-ħafna benefatturi tas-seminarju.

# *Mhux f'ħobbu biss*

*Sejħulu f'nofs ta' lejl bil-ħeffa kollha,*
*il-karba tal-marid tbiddlet f'tħarħira,*
*bla telf ta' żmien niżel fil-knisja ċkejkna*
*u l-Ħobż Qaddis ġo ħobbu ħażżem sewwa.*

*Ir-riħ ivenven bħal irid ifixkel*
*il-passi mgħaġġla tul it-telgħa wieqfa,*
*ix-xita traxxax kiesħa, geġwiġija,*
*id-dlam flimkien mal-baħħ kien fih il-biża'.*

*In-nifs kien mgħaġġel sforz il-passi mħaffa,*
*b'idejh iross ma' sidru l-Ħobż tal-ħajja,*
*deċiż li jasal ħdejn min kien jissielet*
*ma' qawwa ħafna akbar mit-tempesta.*

*Kien ilu mbexxaq sew il-bieb ta' barra*
*u baqa' tiela' fuq fil-kamra l-kbira,*
*fejn kien hemm jibku u jolfqu l-aħwa kollha,*
*madwar il-friex ta' min kien t'hom il-ħajja.*

*L-għajnuna t'Alla kienet wieqfa miegħu,*
*għax malli temm ir-rit li kellu jwettaq*
*għajnejn il-moribond tbexxqu għal kollox*
*u karba tbeżżgħek dwiet mal-ħitan kollha.*

*B'qalbu mixgħula b'ferħ li ġej mis-Sema*
*erħielha lura d-dar mill-istess trejqa. . .*
*Id-dawl tax-xemx kien fietel u bajdani*
*l-irxiex u r-riħ intemmu qishom f'raqda. . .*

*U l-ħsieb ta' dak li kien iterraq waħdu*
*mar dlonk lejn Dak li kien ġarr miegħu f'ħobbu*
*w għalkemm kien issa vojt mill-Ħobż tas-Sema*
*ħass ħajja ġewwa fih il-qawwa tiegħU.*

**Mons. Alfred Xuereb**

BOOKMARK

**Rev. Edward Xuereb,**

## "Il-Formazzjoni ta' l-Abbati"

**Sensiela "Riflessi Liturġiċi"; nru. 2; 96 pp;**
***Lumen Christi Publications*. Gozo Press, Għajnsielem, Gozo, 2001,**
**Jinbiegħ Lm 1.50 ċ.**

# *Għaż-żgħar li jservu l-Altar*




*Ma nistax ma nifraħx lil Dun Edward Xuereb, l-awtur tal-ktieb "Il-Formazzjoni ta' l-Abbati" għall-mod kif ħareġ it-tagħlim u t-taħriġ li għandu bżonn kull abbati Malti u Għawdxi biex jaqdi s-servizz ta' l-altar, kif trid il-Knisja llum.*

*Is-suġġetti magħżulin huma bħal katina li minn ħolqa għall-oħra torbot il-ħajja kollha ta' tifel jew ta' żagħżugħ li jrid verament igħix ħajja nisranija attiva u jindirizza ħajtu biex jaqdi l-komunita' nisranija fil-parroċċa tiegħu.*

*Il-preżentazzjoni ta' kull suġġett tant hija tajba li kull abbati kemm jekk hu żgħir u wkoll jekk hu kbir jista' jaqbad dan il-ktieb f'idejh u jaqrah tajjeb qabel il-laqgħa tad-direttur ta' l-abbatini u jkompli jistudja wara. Għalhekk dan il-ktieb għandu jkun f'idejn kull abbati. Anzi, d-direttur għandu jkollu numru sew ta' kopji ta' dan il-ktieb biex jagħti wieħed lil kull abbati, u speċjalment lil kull abbati ġdid.*

*Bl-għajnuna tal-ktieb preċedenti "Il-Ministeru ta' l-Abbati" u ta' dan it-tieni volum fis-sensiela, żgur li l-abbatini ma jibqgħux dilettanti ta' l-altar, iżda jsiru l-esperti tas-servizz ta' l-altar; u kull direttur jista' jħejji l-laqgħat tiegħu b'mod professjonali biex joffri l-isbaħ liturġija fil-knejjes Maltin u Għawdxin permezz tas-servizz ta' l-abbatini.*

*Pero' dan il-ktieb "Il-Formazzjoni ta' l-Abbati" ma jieqafx hawnhekk, imma jwassal lill-abbatini lejn it-talb tagħhom quddiem Ġesu' Ewkaristija bl-Adorazzjoni u quddiem il-Knisja kollha bil-Quddiesa bi tliet lingwi, il-Latin, it-Taljan u l-Ingliż. Għalhekk il-ktieb igħin fil-formazzjoni ta' l-abbatini li jridu joffru s-servizz tagħhom fil-Bażilika ta' San Pietru f'Ruma u f'pajjiżi oħra fid-dinja.*

*Mhix ħaġa kbira li din il-formazzjoni ta' l-abbatini kapaċi twassal lil xi wħud minnhom fuq l-altar bħala saċerdoti tal-Knisja. Ġesu' jsejjaħ b'sejħat żgħar li bil-mod il-mod isiru kbar bħalma hija s-sejħa ghas-saċerdozju. Dan huwa l-awgurju tiegħi lill-abbatini ta' Malta u Għawdex.*

***Dun Frans Bonnici***

**John Portelli Ent. Ltd.**
IATA
ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO.
TEL: 56 12 12 - 56 12 13 FAX: 56 01 33
108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT10, MALTA.
TEL: 23 57 72 - 24 70 16 FAX: 24 75 36

BOOKMARK

**Mons. Lawrenz Sciberras,**

## "Sinjali u Simboli fil-Liturġija"

**xiv, 166 pp; *ISBN 99932-0-112X*. Gozo Press, Għajnsielem, Gozo, 2001, Prezz Lm 2.75ċ.**

# *KTIEB UTLI ĦAFNA BIEX WIEĦED JIFHEM U JIDĦOL AKTAR FL-ISPIRTU TAL-LITURĠIJA*




*Il-Konċilju Vatikan II f'numru 10 tal-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija Mqaddsa jistqarr: "Il-Liturġija hi l-quċċata li lejha timmira l-ħidma tal-Knisja u fl-istess waqt l-għajn li minnha ġejja kull qawwa tagħha". B'din l-affermazzjoni jidher ċar li l-liturġija hija l-qalb u r-ruħ tal-Knisja.*

*Dan il-ktieb ġdid ta' Mons. Lawrenz Sciberras, "Sinjali u Simboli fil-Liturġija", mela vojt kbir li kien dejjem jinħass. Għax f'kull azzjoni liturġika l-Knisja tkellimna permezz ta' simboli, sinjali, u ġesti, li mhux biżżejjed tarahom jew tagħmilhom, iżda qabel xejn u fuq kollox, hu mportanti li wieħed jifhem xi jfissru, u jidħol fl-ispirtu tagħhom. U dan hu l-iskop ta' dan il-ktieb hekk utli. Kif jistqarr l-awtur stess fid-daħla ta' dan il-ktieb: "Mhux biżżejjed li tara d-duħħan, ixxomm ir-riħa tal-balzmu, tintebaħ bit-tixjir tal-friegħi tal-palm, ħdejn ras il-mejjet tara xema' waħda biss tixgħel, tisma l-melodiji differenti fil-mużika, tara bosta kuluri ikanġu fl-ilbies, imma hemm bżonn aktar li taqbad it-tifsira sħiħa u reliġjuża tagħhom. Jekk dan ma jsirx, dan kollu ma jkun ifisser xejn għalik. U tassew tkun ħasra". Issa dan il-ktieb bil-mod ta' kif inhu miktub għandu jilħaq hafna minn dan il-għan.*

*Dan għalhekk huwa għodda tajba u utli ħafna f'idejn dawk kollha li għandhom ghal qalbhom il-ħajja liturġika tal-Knisja, b'mod speċjali s-saċerdoti, katekisti, ministeri, għalliema tar-reliġjon, kumitati tal-liturġija u l-istess insara. Dan, biex ngħarfu aktar ngħixu, ngħożżu u niggustaw kull azzjoni liturġika li hija l-pont li tgħaqqad lil Alla mal-bniedem u l-bniedem m'Alla.*

*Mons. Lawrenz Sciberras li hu magħruf bħala kittieb u dan mhux biss fil-qasam ta' l-Iskrittura, iżda wkoll tal-liturġija, għoġbu jirregalalna ktieb liturġiku ieħor, u hawn ta' min tassew jirringrazzjah. Il-format ta' dan il-ktieb huwa attraenti ħafna. Il-qoxra ta' barra, li hija bil-kulur, fiha bosta simboli li jiġu użati matul is-sena liturġika. Fih ukoll indiċi alfabetiku ta' kull suġġett trattat, 247 wieħed, u bosta minnhom jibdew b'simbolu, u biblijografija tajba ħafna. Il-materjal kollu huwa mqassam fuq żewġ kolonni b'tipi mdaqqsin u fuq karta ċara ħafna u għalhekk ma tiddejjaqx taqrah. Għandu stil mexxej u ħafif li kapaċi jifhmu kulħadd. U dan hu s-sabiħ ta' dan il-ktieb, li hu ġabra ta' katekeżi liturġika biex kull sezzjoni tal-poplu tifhem u tieħu sehem aktar ħaj fil-liturġija li hija l-ħajja tal-Knisja. Aktar ma wieħed jifhem, aktar iħobb biex imbagħad jersaq lejn il-Liturġija tas-Sema.*

*Mela fost il-kotba reliġjużi li għandu jkun hemm fid-djar u anke fil-postijiet fejn tiġi mgħallma d-duttrina, dan il-ktieb "Sinjali u Simboli fil-Liturġija" għandu jsib postu hemm ukoll.*

***Dun Nazju Borg***




**M. N. Cauchi,**

## "Ix-Xjenza u s-Soċjeta`"

**169 pp; *ISBN 99909-9979-2-6*. Gozo Press, Għajnsielem, Gozo, Malta 2000, Prezz Lm 2.50ċ.**

### *KTIEB TA' INTERESS B'MOD SPEĊJALI GĦAL DAWK LI GĦANDHOM GĦAL QALBHOM L-IŻVILUPP TAS-SOĊJETA` MALTIJA*




*Dan huwa ktieb dwar il-ħajja ta' dan iż-żmien. Jittratta b'mod li jifhmu kulħadd, suġġetti bħalma huma: ix-xjenza u r-reliġjon, l-ambjent, il-ġenetika moderna, il-mediċina u l-impatt tagħha fuq is-soċjetà, il-mara fis-soċjetà moderna u l-effett ta' l-edukazzjoni xjentifika. Dawn huma kollha suġġetti li għandhom jinteressaw lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-iżvilupp tas-soċjetà Maltija.*

*Qed naraw dan l-aħħar numru sabiħ ta' kotba li qed jinkitbu bil-Malti dwar suġġetti ta' filosofija, letteratura, ekonomija eċċ. Dawn huma żvilupp ta' min jinkuraġġih, biex hekk f'Malta ukoll, bħal f'pajjiżi ħafna akbar minna, ikollna medda kbira ta' kotba fuq suġġetti varji, suġġetti li sa ftit snin ilu ma tantx kienu esposti għall-pubbliku.*

*L-awtur ta' dan il-ktieb, il-Professur Maurice Cauchi, huwa professur tal-Patoloġija fl-Università ta' Malta. Huwa midħla sew ta' dawn il-problemi u kiteb fuq ħafna minnhom f'kotba u artikli għall-ġurnali f'pajjiżna u wkoll barra minn Malta.*

***Geoffrey G. Attard***






IL TERRAZZO

**Bar & Restaurant**

*St. Simon Street, Xlendi, Gozo*

Host: **Joseph Mercieca**
Tel: 562992, 556594 - Mobile: 0944 6833 - Pager: 357 4242
Email: www.terrazzo@waldonet.net.mt
Website: www.gozo.com/terrazzo

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI ①



# Kristu u r-Rivelazzjoni

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

Meta ngħidu twemmin nisrani nifhmu dak li huwa mibni fuq il-persuna ta' Kristu u fuq it-tagħlim tiegħu. Dan ifisser li meta ngħidu reliġjon nisranija, nifhmu mhux biss li Kristu huwa l-fundatur tagħha, iżda wkoll li fiha kollox huwa mibni fuqu u jdur miegħu, għax huwa fiċ-ċentru jew fil-qalba tagħha. Aħna, bħala Kattoliċi, waqt li nżommu miftuħ id-djalogu ma' reliġjonijiet oħra, nemmnu u nistqarru li dan it-twemmin nisrani huwa l-uniku twemmin veru u li hu waħdu jwassal għas-salvazzjoni.

L-insara kollha, u mhux biss aħna l-Kattoliċi, mitlubin li jħarsu lejn dan il-persunaġġ: Kristu, jaċċettaw bħala verità ħajtu u tagħlimu, jagħrfuh bħala l-mibgħut minn Alla, il-Mulej ta' l-istorja, il-Messija, il-Feddej. Fuq kollox, huma għandhom jemmnu li Kristu, għad li huwa bniedem, f'kollox bħalna minbarra fid-dnub, huwa wkoll veru Iben ta' Alla, li fil-milja taż-żmien ħa ġisem uman, sar ħuna biex ikun jista' jsalva l-umanità u jeħlisha mill-jasar ta' l-injoranza u tal-ħtija.

**Liema kwalità ta' rivelazzjoni?**

Bil-qawwa tar-raġuni tiegħu, il-bniedem jista' jikseb tagħrif dwar l-eżistenza ta' Alla, kif ukoll xi ħjiel dwar il-kobor u l-glorja tal-Ħallieq, billi mill-krejaturi jgħaddi għal Dak li ħalaqhom, l-istess kif mill-effetti nistgħu nitgħallmu ħafna dwar il-kawżi tagħhom. Iżda dan ma kienx biżżejjed biex il-bniedem jagħraf 'l Alla personalment u jidħol f'relazzjoni miegħu. Għal dan kienet meħtieġa rivelazzjoni aktar intima u prattika minn dik li tista' tinkiseb mill-ħolqien, bl-użu tar-raġuni. Kien jonqos li Alla nnifsu, minn jeddu, juri lilu nnifsu lill-bnedmin u jgħallimhom xi veritajiet dwar il-ħajja tiegħu u l-mezzi tas-salvazzjoni tagħhom. Din hija rivelazzjoni speċjali jew sopranaturali, li għaliha l-bnedmin ma kellhom l-ebda jedd, imma li Alla - fit-tjubija tiegħu - iddeċieda li jagħtina, peress li ried jgħollina għad-dinjità li nissejħu u nkunu wliedu (1 Ġw 3:1). Mela b'rivelazzjoni, f'dan il-kuntest nifhmu, dak it-tagħrif li Alla għoġbu jagħtina permezz tal-profeti fir-Rabta l-Qadima. Din ir-rivelzzjoni laħqet l-aqwa quċċata ta' l-espressjoni tagħha fil-persuna, fil-ħidma u fit-tagħlim ta' l-istess Iben ta' Alla, Sidna Ġesù Kristu (Lhud 1:1).

Fl-istqarrija reċenti tal-Kongregazzjoni tat-Tagħlim tal-Fidi, "Dominus Jesus", tas-6 t'Awissu 2000, insibu li "l-fidi titlob minna li nistqarru li l-Kelma li saret ġisem, fil-misteru sħiħ tagħha, li jseħħ mill-Inkarnazzjoni sal-Glorifikazzjoni, hija l-għajn, parteċipata iżda reali, kif ukoll it-twettiq ta' kull rivelazzjoni salvifika li Alla għamel lill-umanità, u li l-Ispirtu s-Santu li huwa l-ispirtu ta' Kristu, jgħallem il-verità sħiħa (Ġw 16:13) lill-Appostli u permezz tagħhom lill-Knisja kollha" (Dominus Jesus, nru. 6).

L-istqarrija li semmejna, u li biha s-Santa Sede ikkundannat xi proposti teoloġiċi li fihom ir-rivelazzjoni nisranija u l-misteru ta' Kristu jitilfu l-valur tal-verità assoluta, tikkonferma u tkompli tfisser dak li hemm miktub fil-kostituzzjoni Dei Verbum (2 u 4), "B'din ir-rivelazzjoni, mela, il-verità l-aktar profonda dwar Alla u l-bniedem tiddi fi Kristu, li huwa fl-istess ħin, il-Medjatur u l-milja ta' kull rivelazzjoni." F'Kap 4, l-istess dokument ikompli jgħallimna li "Bil-preżenza sħiħa tiegħu

stess u bil-manifestazzjoni tiegħu bil-kliem u bl-għemil, bis-sinjali u bil-mirakli, u l-aktar bil-mewt u bil-qawmien glorjuż tiegħu mill-imwiet, u fl-aħħarnett billi bagħat l-Ispirtu tal-verità, ikompli u jikkompleta r-rivelazzjoni u jsaħħaħha bix-xhieda tiegħu."



**Kristu, il-milja tar-rivelazzjoni u t-twettiq tagħha.**

Meta Alla ikkomunika mal-bnedmin, huwa segwa ċerti regoli tal-pedagoġija, adatti għall-iskop tiegħu. Bil-mod il-mod, iżda dejjem miexi 'l quddiem, bil-għemil u bil-kliem, Alla rrivela lilu nnifsu u l-pjan tiegħu ta' mħabba (*General Directory for Catechism, nru. 38*) sakemm ir-rivelazzjoni waslet fil-milja u għat-twettiq tagħha fi Kristu. Mela, Ġesù Kristu, huwa fl-istess ħin, il-milja tar-rivelazzjoni u dak li jirrivela kompletament 'l Alla u l-pjan tiegħu.

Jekk ir-rivelazzjoni fl-aspetti kollha tagħha laħqet il-quċċata tagħha fi Kristu, hija għadha attiva u dinamika permezz ta' l-Ispirtu s-Santu fil-Knisja, biex tilħaq il-bnedmin kollha. Imwaqqfa minn Kristu, il-Knisja tkompli l-attività missjunarja tagħha, b'mandat ta' Kristu nnifsu, biex iżżomm u tipproklama r-rivelazzjoni permezz ta' l-evanġelizzazzjoni. Immexxija mill-Ispirtu s-Santu, il-Knisja, fil-missjoni tagħha ta' evanġelizzazzjoni tinterpreta wkoll b'mod awtentiku il-Kelma ta' Alla *"li hemm fit-tradizzjoni u fl-Iskrittura"* (*GDFC nru. 44*).

**Kristu, il-fundament ta' kollox.**

Nagħlqu dawn ir-riflessjonijiet tagħna b'silta mill-ktieb ta' l-Arċisqof George Pell, (Issues of Faith and Morals, paġna 15): "Bħala Iben Uniku ta' Alla, it-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa, Ġesù huwa **l-messaġġier speċjali ta' Alla** li irrivelalna l-veritajiet fundamentali tal-ħajja. It-tagħlim tiegħu għandu awtorità unika, li tagħtina ċertezza fejn ir-raġuni umana tista' tindikalna biss probabilità. Huwa (Ġesù) ikkonfermalna li Alla huwa twajjeb, li jinteressa ruħu minna u li kull wieħed mill-bnedmin, wara l-mewt hemm tistennieh il-ħajja ta' premju jew ta' kastig.

Iżda Ġesù ma huwiex sempliċiment xi filosofu li jagħtina nformazzjoni dwar x'inhuma fihom infushom il-ħwejjeġ li jeżistu. Huwa jwasslilna wkoll l-ordnijiet tal-Ħallieq dwar kif għandna ngħixu ħajjitna."

*"Il-Ħajja fid-Djoċesi" - ikompli minn paġna 5*

**Prize Day fil-Museum tax-Xewkija**

Nhar it-Tlieta, 29 ta' Mejju 2001, l-membri tal-Museum tax-Xewkija organizzaw "Prize Day" għat-tfal li jiffrekwentaw d-duttrina fil-lokal tagħhom. Mons. Isqof qassam ir-rigali u wara kellem lit-tfal u l-ġenituri dwar l-importanza tat-tagħlim reliġjuż.

**Taħdita dwar l-Intenzjoni Retta minn Mons. Isqof**

L-Erbgħa, 6 ta' Ġunju 2001, l-Isqof kien mistieden biex jagħti taħdita lis-soċji tal-M.U.S.E.U.M. maltin fid-Dar Ċentrali tagħhom il-Blata l-Bajda. Is-suġġett magħżul mill-organizzaturi kien *"L-Intenzjoni retta fit-tagħlim tal-Beatu Ġorġ Preca"*. Fl-aħħar is-Superjur Ġenerali, Victor Delicata, ppreżenta medalja ta' tifkira lil Mons. Isqof.

**Seminar organizzat mill-MAS**

Fis-sala tad-dar ta' l-anzjani tal-MAS, nhar is-Sibt, 16 ta' Ġunju 2001, il-MAS organizzat *"Seminar Konklussiv"* bl-isem *"Tisħiħ tal-Valuri tal-Kultura u ta' l-Etika fil-kommunita` Għawdxija"*. Il-kelliem prinċipali kien Dun Fortunat Mizzi li għamel analisi ta' l-interventi kollha li saru fid-diversi sessjonijiet matul dawn l-aħħar ħames xhur dwar diversi aspetti tal-ħajja Għawdxija. Kienu mistiedna wkoll biex jitkellmu, l-Eċċellenza Tiegħu Mons Nikol Ġ. Cauchi, Isqof t'Għawdex, l-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex u l-Onor. Speaker Anton Tabone. Wara kien hemm ukoll l-interventi ta' dawk kollha li ħadu sehem.

PINE FOREST
For all kind of Real Furniture
with affordable prices

Joseph Borg
'67' Pjazza l-Assedju
ta' Għawdex 1551
Victoria, Gozo - Malta.
Tel: (00356) 563372
Fax: (00356) 565665

TAL-MUDELL
HARDWARE SHOP
FORTUNATO MIZZI STREET, VICTORIA, GOZO - TEL. 554131

If it ain't ARGENTINIAN it ain't Beef.

Introducing: Kangaroo, Venison, Buffalo, Wild Bore, and more Succulent Specialities
OPEN IN GOZO
ST. PAUL'S SQUARE, MARSALFORN.
FOR RESERVATION 554646
ARGENTINIAN
PACEVILLE
BUGIBBA
BAY STREET
MARSALFORN
PORTO MASO


PALAZZO MARGHERITA
L-ESPERJENZA TAGHNA.....
.....IL-GARANZIJA TIEGHEK FL-ISBAH ĠURNATA TA' HAJTEK
Ghal aktar dettalji ċempel 555737 jew 557898

## Frenċ ta' l-Għarb - 5



# Id-devozzjoni lejn il-Madonna

**jikteb Angelo Xuereb**

L-istorja ta' Frenċ ta' l-Gharb ma tistax tinfired mis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Dan huwa s-santwarju fejn f'Ġunju ta' l-1883 Karmni Grima semgħet lill-Madonna ssejjħilha minn ġol-kwadru li jiffigura t-tlugħ fis-sema tagħha. Frenċ kien devot ħafna tal-Madonna ta' Pinu. Darba xi ħadd offrielu li jħallaslu biljett b'xejn biex imur Lourdes. Huwa wieġeb li ma kellux bżonn isiefer, imma għalih biżżejjed li jmur fis-Santwarju ta' Pinu.

Huwa kien iħoss li l-Madonna kienet dejjem qiegħda tmexxih hi fil-missjoni tiegħu. Jista jkun li xi darba Frenċ ra jew sema' lill Madonna, iżda meta kienu jistaqsuh, hu kien idawwar id-diskors. Bi kliem xi ftit ambigwu huwa ġie li qal: "*Forsi jiena ukoll rajt xi haga?*"

Darba wieħed ingliż staqsih fuq il-qawwa li kellu li jfejjaq. Mingħajr tlaqliq huwa wieġeb: "*Jien naħseb li l-Madonna qaltli*". Dawk li kienu jmorru jżuruh jgħidu li huwa qatt ma qal xejn jekk mhux wara li jkun ta ħarsa lejn il-Madonna li huwa kien jżomm dejjem imżejjna bil-fjuri. Darb'oħra, ingliż ieħor staqsih jekk kienx jibża' li jiżbalja meta kien iħallat il-ħxejjex, u hekk jagħmel ħsara lin-nies. Iżda huwa wieġeb li l-Madonna qatt ma tħallih jiżbalja. Mhux l-ewwel darba li huwa ordna lil min ikun fieq li jġorr bukkett fjuri b'mod pubbliku lill-Madonna ta' Pinu.

Il-ġrajja tiegħu tintrabat mas-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu għaliex wara li mietu Karmni Grima u Franġisk Portelli, huwa baqa' waħdu jxerred id-devozzjoni. Patri Martinjan Cutajar, agostinjan, darba qal li Frenċ kien jegħleb kull diffikultà għax kellu fiduċja bla limiti fil-Madonna.

Frenċ tant ħabb lis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu li għamel affarijiet kbar. Huwa dejjem kien jieħu ħsieb iż-żejt ta' quddiem il-Madonna. Meta kien qiegħed jinbena s-Santwarju huwa kien jiġbor numru ta' irġiel biex iġorru l-ġebel mill-barriera sal-Knisja ta' Pinu u grupp ieħor biex iħottuh. Aktar tard, bis-saħħa ta' Frenċ saru wkoll opri kbar f'dak is-Santwarju. Lil dawk li kienu joffrulu xi flus huwa kien jgħidilhom biex jitfgħuhom fi plattin li kellu quddiem il-Madonna ta' Pinu. Bil-flus li huwa ta, sar il-pulptu ta' l-irħam u l-inkwadri tal-mużajk li sa llum għadhom iżejjnu s-santwarju.

Tant kien iħobb lill-Madonna li huwa ġie li kiteb xi poeżiji. Waħda minnhom tgħid hekk:

*Jien maġenbi kelli mara - Regina tas-sema u l-art;*
*Ta' spiss, jien nitlob lilha - biex teħlisni mill-kiefer mard.*
*Il-mard mhux biss tal-ġisem - imma wkoll tar-ruħ;*
*Għax meta fil-mard jien naħseb - minn għajnejja jinżel id-dmugħ.*

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tassew tikkonfermalna kemm Frenċ ta' l-Għarb kien mimli bl-ispirtu t'Alla.









### *L-Ewwel Quddiesa Kattolika fuq it-TV fil-Greċja*

Nhar is-Sibt 5 ta' Mejju filgħodu, Ġwanni Pawlu II ċċelebra quddiesa fl-*Isports Palace* taċ-Ċentru Olimpiku ta' Ateni li kienet l-ewwel quddiesa Kattolika li ġiet trasmessa fuq it-televiżjoni fl-istorja tal-Greċja. Kienet opportunità ġdida għall-Papa biex jisħaq fuq il-bżonn ta' l-unità u r-rikonċiljazzjoni fost l-Insara. It-*TV* ta' l-istat u stazzjonijiet privati tat-*TV* ittrasmettew ż-żjara kollha tal-Papa fil-Greċja li damet 24 siegħa.

### *Il-biċċa l-kbira tal-Griegi jridu l-għaqda*

Minn survey magħmul fuq sample ta' 692 persuni u publikat il-Ħadd 6 ta' Mejju fil-gazzetta tal-gvern *To Vima*, irriżulta li l-biċċa l-kbira tal-Griegi huma favur il-proposta tal-Papa għall-progress fit-triq lejn l-għaqda sħiħ bejn il-Kattoliċi u l-Ortodossi. Fil-Greċja, fejn il-maġġoranza huma Ortodossi, 56.8% esprimew is-support tagħhom għall-għaqda tal-knejjes. Aktar minn nofs dawk li ħadu sehem kellhom opinjoni tajba ta' Ġwanni Pawlu II, wara l-pellegrinaġġ tiegħu tal-4-5 ta' Mejju għal Ateni. 59.2% qalu li ż-żjara tal-Papa fil-Greċja kienet importanti.

L-istampa Griega faħħret lill-Papa talli talab maħfra għall-offiżi storiċi tal-Kattoliċi u l-Ortodossi u talli ppropona t-triq tar-rikonċiljazzjoni bejn iż-żewġ knejjes. Skond il-biċċa l-kbira tal-*media* Griega, l-attitudni tal-Papa tiftaħ il-bibien għall-ħbiberija bejn iż-żewġ knejjes, mifruda sa mix-xiżma ta' l-1054.

L-Arċisqof Grieg Ortodoss Christdoulos ta' Ateni, li fil-passat ma' ħebiex l-oppożizzjoni tiegħu għaż-żjara tal-Papa, issa radd ħajr lil Ġwanni Pawlu II. Joaquin Navarro-Valls qal li l-primat Ortodoss bagħat messaġġ personali lill-Papa, fejn irringrazzjah għaż-żjara tiegħu u assigurah li jiftakar fih fit-talb tiegħu hu u jkompli l-pellegrinaġġ tiegħu fuq il-passi ta' San Pawl.

### *L-ewwel Papa f'moskea*

Nhar il-Ħadd, 6 ta' Mejju 2001, tul il-Vjaġġ fis-Sirja, Ġwanni Pawlu II żar il-Moskea Omayyad f'Damasku. Din fil-bidu kienet tempju pagan, imbagħad bażilika nisranija u wara nbniet mill-ġdid bħala moskea fis-seklu 8. Il-Papa għadda ftit ħin f'talb privat quddiem il-qabar ġewwa l-moskea fejn hemm ir-relikwi ta' San Ġwann Battista meqjum mill-Insara u l-Musulmani. Hekk sar l-ewwel Papa li daħal f'dar tat-talb Iżlamika. Fis-Sirja lil Ġwanni Pawlu II sejħulu l-"*Babas*": isem ta' stima kbira. Fil-Papa jaraw bniedem ta' Alla u ħabbar ġenwin tal-paċi.

### *F'Malta*

Fl-aħħar jum tal-Vjaġġ Apostoliku, il-Papa mexxa ċerimonja tal-beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca (1880-1962), Nazju Falzon (1813-1865) u Maria Adeodata Pisani (1806-1855) fil-preżenza ta' eluf kbar ta' Maltin u Għawdxin. L-aktar kumment li laqatni dwar iż-żjara tal-Papa f'Malta kien dak ta' Giacomo Muolo, ġurnalist ta' l-Avvenire, miġjub f'Il-Ġens Illum (12.05.01): "*Stajna naraw il-qalb kbira li l-Maltin għandhom lejn il-Papa, u min-naħa l-oħra, l-imħabba kbira li l-Papa għandu lejn il-Maltin*".

### *Ebda pjan li jieqaf jivvjaġġja*

Navarro-Valls qal lir-reporters f'Malta li l-Papa hu kuntent bir-riżultat taż-żjara tiegħu fil-Greċja u fis-Sirja. Osserva li ġa hu pjanat li l-Papa jżur l-Ukranja f'Ġunju u aktarx ukoll l-Armenja f'Settembru. "*Il-Papa m'għandu l-ebda intenzjoni li jwaqqaf il-vjaġġi tiegħu*", *qal Navarro-Valls.* "*Mhux se jieqaf bil-vjaġġi tiegħu sakemm Alla jsejjaħlu f'daru*".




# TWEMMIN FIERAGĦ TA' L-GĦAWDXIN

*(It-Tieni Parti )*

*F'Għawdex, bħal f'Malta u l-pajjiżi l-oħra tad-dinja, is-superstizzjoni tinsab imxerrda fost il-popolazzjoni kollha, fost etajiet kollha, u fost il-klassijiet kollha tas-soċjetà. Ħafna drabi t-twemmin fieragħ ta' pajjiż ikun jixbaħ ħafna 'l dak ta' pajjiż ieħor, imma mbagħad ikun hemm każ ta' superstizzjoni li tkun l-aktar magħrufa f'dak il-pajjiż partikolari. U Għawdex mhux eċċezzjoni.*

## In-Nies tas-"*Setta*"

Illum bil-kelma "setta" nifhmu grupp ta' nies li jħaddnu twemmin li ma jkunx jaqbel preċiż ma' dak tar-reliġjon proprja. Kemm il-Kristjaneżmu kif ukoll l-Islam għandhom is-setet tagħhom. Imma dari b' "*tas-Setta*" f'Għawdex ma kinux jifhmu dawn il-gruppi ta' nies, imma nies li bis-sħarijiet tagħhom kienu jistgħu jtiru. Fi gżiritna, fejn it-twemmin fuq "*tas-Setta*" kien qawwi ħafna, din il-kelma kienet toħloq biżgħa kbir u tqajjimlek ġismek xewk xewk.

Jingħad li "*tas-Setta*" kienu nies li jagħmlu s-sħarijiet. Kienu jindilku b'ċertu likwidu u mbagħad ikunu jistgħu jtiru fl-ajru. Kienu jtiru mhux biss fuq dawn il-gżejjer, imma jmorru wkoll barra minn Malta, saħansitra jżuru x-xtajtiet tat-Tuneżija u ta' l-Alġerija. Meta jkunu għaddejjin kienu jagħmlu buffuri bi ħsejjes kbar, u aktar ma tkun kbira l-buffura, aktar ikunu fil-għadd in-nies "*tas-Setta*" li jtiru flimkien. Kienu jtiru bejn nofs il-lejl u l-*Pater Noster*. Ir-raġuni għal dan kienet li jekk xi ħadd isemmihom waqt li jkunu jtiru, jew inkella ddoqq qanpiena, allura dawn kienu jaqgħu b'tisbita. Xi drabi kienu jtiru fuq xi tavla jew fuq xi dgħajsa. F'dak il-każ kienu jordnawlha biex ittir bihom skond in-numru li jkun hemm: "*Imxi b'erbgħa, imxi b'ħamsa.*" Imma dawn iridu jkunu kollha miktubin ma' "*tas-Setta*" għax inkella t-tavla jew id-dgħajsa ma ttirx.

In-nies "*tas-Setta*" ma kinux nies tajbin, imma nies ħżiena, għaliex kienu jiltaqgħu f'xi għar fl-imwarrab, u meta ma jtirux, hemm joqgħodu jiżfnu bla ħwejjeġ fl-eqqel tal-lejl. Imbagħad filgħodu jmorru l-knisja qisu ma ġara xejn biex ħadd ma jissuspetta fihom. Il-Ġiżwita Patri Manwel Magri jsemmi li qrib Wied Sansun, wara ta' Kerċem, hemm għar kbir fejn "*tas-Setta*" kienu jmorru jiżfnu. Ma nafux jekk dan kienx l-istess għar li hemm f'Ras il-Wardija fejn f'waħda min-niċeċ kien hemm imħaffer fil-blat sura ta' Kurċifiss. Jekk dan ma kienx is-sinjal ta' Tanit, alla-mara tal-Kartaġiniżi, allura dan seta' kien salib imħaffer hemm min-nies "*tas-Setta*".

Ma' "*tas-Setta*" kien ikun hemm miktubin nies minn kull saff tas-soċjetà. Anki professjonisti u nies oħra serji. F'Għawdex jissemma ħafna wieħed Nutar li jingħad li kien ma' "*tas-Setta*" u li kien itir. Iżda darba l-likwidu tas-seħer bidluhulu, u meta ndilek u mar biex itir, malli qabeż, in-Nutar flok ma tar, waqa'.

## It-Tlett Ijiem tad-Dlam

It-twemmin fit-Tlett Ijiem tad-Dlam ukoll huwa twemmin fieragħ, imma b'xorti ħażina, ħafna drabi kien jingħata bixra reliġjuża, b'doża qawwija ta' devozzjoni u biżgħa qaddis. Kienu jissemmew qaddisin, nies twajba, saċerdoti u patrijiet, ix-xemgħa tat-tniebri, u tgħidx x'ma jivvintawx. Imma fil-qalba ta' dan kollu ma kien ikun xejn ħlief twemmin fieragħ.

L-oriġini tat-twemmin li jista' jkun hemm tlett ijiem tad-dlam fuq id-dinja tinsab fil-Ktieb ta' l-Esodu, fil-Bibbja, fejn jingħad li wieħed mill-kastigi li Alla bagħat fuq il-Fargħun ta' l-Eġittu tal-qedem kien proprju

l-kastig tat-tlett ijiem tad-dlam. Araw kif: "*U medd Mosè idu lejn is-sema: u saret dalma sewda fl-art kollha ta' l-Eġittu għal tlett ijiem. Ma kienx jara wieħed lil ieħor, u ħadd ma tħarrek minn fejn kien għal tlett ijiem. Imma wlied Israel kollha kellhom id-dawl fl-agħmajjar tagħhom*" (Esodu,10,22-23).

Naturalment, it-tlett ijiem tad-dlam imsemmija fil-Bibbja ma kinux xi biċċa maġija, għax jista' jkun hemm raġunijiet naturali u li jistgħu jiġu spjegati. Dan hu hekk għaliex id-dinja ma tistax tieqaf mid-dawrien tagħha u lanqas ix-xemx ma tista' tintefa'. Allura seta' ġara li sema miksi bi sħab oħxon u maltempati qawwija tar-ramel u kbar ħakmu lill-Eġittu u għattew ix-xemx għal xi żmien.

Biex in-nies aktar temmen, fis-snin sittin kienu jitqassmu karti b'kitbiet li jħabbru li fid-dinja kien appik biex jaqa' diżastru kbir: "*Id-diżastru se jolqot lid-dinja bħal leħħa ta' berqa meta d-dawl tax-xemx filgħodu jinbidel fi dlam. Ħadd ma jħalli d-dar jew jittawwal 'il barra mit-tieqa minn dak il-mument... Ikun hemm taħwid sħiħ minħabba d-dlam li jaħkem id-dinja kollha. U ħafna jmutu bil-biżgħa u bid-dispramemt.*"



"*Żommu t-twieqi mgħottijin sew. Tħarsux barra. Ixegħlu xemgħa mbierka li tkun biżżejjed għal bosta ġranet...*" (Siltiet meħudin minn fuljett li kien jitqassam).

Allura n-nies kulħadd beda jġemma' x-xemgħa tat-tniebri. U kien hemm min ġabar mhux għal tlett ijiem, imma għal sena sħiħa!

Issa l-ħelwa hi li skond Ġorġ Pisani f'Għawdex kien hawn leġġenda li tgħid li darba Għawdex kien inħakem mill-kastig tat-tlett ijiem tad-dlam għax in-nies kienu ħżienu wisq. Jingħad li n-nies kienu waslu fi stat ta' degradazzjoni u ħażen hekk kbir li ma setgħux jifhmu ħlief b'xi kastig kbir. U ġabu fuqhom it-tlett ijiem tad-dlam. Imma wara tlett ijiem, deher merżuq ta' dawl ħiereġ mill-Għolja ta' Merżuq. U mbagħad reġa' bexbex, u wara ż-żernieq reġgħet dehret ix-xemx bil-glorja tagħha. It-tlett ijiem tad-dlam kienu għaddew u l-Għawdxin nidmu u biddlu ħajjithom. (Ara Pisani Ġorġ, *Mill-Gżira tal-Ħolm*, PIN, Stamperija Indipendenza, Pietà, Malta, 1995, "*Meta ma setax jisbaħ jew it-Tlett Ijiem tad-Dlam*", pp. 293-306).

## *Is-Sellum u l-Umbrella*

Is-sellum u l-umbrella huma oġġetti bla ħajja magħmulin għas-servizz tal-bniedem. Imma tiskanta kif is-superstizzjoni tintrabat ukoll b'mod partikulari ma' oġġetti bħal dawn. Għalhekk wieħed qatt ma għandu jgħaddi minn taħt sellum li jkun jistrieħ mal-ħajt għax dan iġib ir-risq ħażin. Hekk ukoll tiftaħx l-umbrella fid-dar għax tista' ġġib il-vjatku.

Ikolli ngħid dan it-twemmin nibet għaliex jekk ikun hemm xi ħadd jagħmel xi xogħol fuq xi sellum, veru li jista' jwaqqa' xi ħaġa fuqek bħal għodda, ġebel jew injam, u hekk. U dan żgur li m'hux risq tajjeb. Dwar l-umbrella għandna nkunu nafu li dari l-vjatku kien jittieħed għand xi moribond taħt l-umbrella. Il-vjatku kien l-aħħar tqarbina ta' xi ħadd li jkun wasal fil-punt tal-mewt. Is-Sagrament kien jittieħed f'purċissjoni li fiha kienu jieħdu sehem fratelli, abbatini bil-ġilandra (jew tronett), biż-żjut tal-griżma u bil-qanpiena, tfal bil-fanali u xi raġel jew is-sagristan li kien iżomm l-umbrella tal-vjatku biex il-qassis bis-Sagrament jimxi taħtha. Warajhom kien ikun hemm kotra ta' nies jitolbu. Minn kulfejn igħaddi l-vjatku n-nies kienet tixgħel il-lampi u l-fanali wara l-ħġieġ tat-twieqi. Minn din id-drawwa reliġjuża nibtet imbagħad is-superstizzjoni li jekk tiftaħ umbrella d-dar iġġib il-vajtku.

## *L-Ilma, iż-Żejt, l-Inbid u l-Melħ*

Dawn l-oġġetti ta' konsum hemm ukoll marbut magħhom it-twemmin mar-risq tajjeb u r-risq ħażin.

L-ilma, anki jekk jagħmel dilluvju u jikkawża ħafna ħsara, huwa dejjem meqjus bħala li jġib ir-risq tajjeb. Jum ta' xita huwa jum ta' risq tajjeb. Anzi, jekk immorru aktar 'il bogħod fil-preistorja ngħidu li n-nies primittivi kienu jemmnu li x-xita tiffertilizza l-art li mbagħad tħaddar u tagħti l-egħlejjel tagħha.

L-inbid ukoll iġib ir-risq tajjeb. Kulħadd jaf li l-inbid hu dik ix-xarba l-aktar adattata għal waqt l-ikel. Mela l-inbid ifisser ċelebrazzjoni, festa, divertiment. Mela, meta jaqa' l-inbid u jixxerred fuq il-mejda jew fl-art, dan ikun ifisser li ġej żmien il-ħela, żmien il-ġid. L-inbid jimmarka r-risq tajjeb u x-xalar.

Iż-żejt, mill-banda l-oħra, huwa għelm ta' risq ħażin. Jekk jaqa' ż-żejt in-nies temmen li jkun ġej żmien ikrah. Ir-raġuni hi li ż-żejt meta' jaqa' jagħmel il-ħsara, itebba' u jħammeġ, u jfisser ħela bla bżonn. U llum kulħadd jaf ukoll xi ħsara ssir meta jinqasam xi *tanker* biż-żejt maħdum jew mhux. Mela, li jaqa' ż-żejt hu sinjal ta' risq ħażin.

Il-melħ hu marbut mal-għerf, mal-preservazzjoni, ma' l-onestà u l-irġulija. Meta jaqa' l-melħ hawn min jinterpretah bħal li ġej risq ħażin, imma wkoll hawn min

igħid li għandna nafdaw fil-ħniena ta' Alla u tiġina tajba żgur. Għalhekk fil-magħmudija lit-tarbija jagħmlulha ftit melħ f'ħalqha. Hafna melħ hu bħall-velenu, imma ftit melħ tajjeb għal kulħadd, l-aktar fis-sajf, meta ħafna mill-melħ ta' ġisimna joħroġ mal-għaraq.

## *Il-flus*

Il-flus ukoll jistgħu jaqgħu. Jekk xi ħadd jaqgħulu l-flus, ikun hemm min ikun pront jgħidlu, *"Tiżragħhomx għax dawk ma jinbtux!"* Inkella, *"Mela sraqthom?"* Hawn ukoll min igħid li dak li jaqgħulu l-flus, sinjal li jrid iżjed.

## *Il-Għajnejn u l-Idejn jieklu u l-Widnejn iżanżnu*

Il-partijiet tal-ġisem huma kollha sensittivi għal dak li jiġri madwarhom u xi drabi jiġri li meta jkunu effettwati minn xi ħaġa barranija jibdew jikluna u f'każ tal-widnejn jibdew iżanżnu. Ma' dawn il-fenomeni hemm ukoll marbuta s-superstizzjoni.

Għalhekk jingħad li jekk tieklok għajnek il-leminja tkun se tibki. Jekk titlagħlek xi xgħira f'għajnek, tkun se tiret. Jekk tieklok idek il-leminija, ġej xi kont kbir u se jkollok toħroġ ħafna flus. Imma jekk tieklok ix-xellugija, tkun se ddaħħal xi kemxa.

Meta widnejk iżanżnu jew iżarżru, ikunu qegħdin isemmuk. Imma jekk iżżanżan widintek tax-xellug, ikunu qegħdin isemmuk fid-deni, jekk iżżanżan widintek il-leminija, ikunu qegħdin isemmuk fil-ġid.

## *L-Orgni fil-Quddiesa tat-Tieġ*

Fl-antik kien hawn it-twemmin li jekk waqt il-quddiesa tat-tieġ ma jindaqqx l-orgni kien ifisser li ż-żwieġ se jisfratta. Allura l-għarus kien jesiġi li l-orgni jrid jindaqq u jekk ma jindaqqx it-tieġ ma jsirx. Jidher li llum dan it-twemmin ilu li ntilef.

## *Ir-Ross fil-Festa tat-Tieġ*

Jingħad li r-ross li jintefa' fuq l-agħrajjes meta jkunu ħerġin mill-knisja jfisser l-awguri u x-xewqat tajba tal-mistednin biex il-miżżewġin friski jkollhom ħafna tfal. Ir-ross huwa l-għelm tal-fertilità.

## *Id-Dar il-Ġdida tal-Miżżewġin*

Meta l-miżżewġin friski jmorru joqgħodu fid-dar taż-żwieġ tagħhom, ir-raġel għandu jara li hu jmissu jidħol l-ewwel fid-dar il-ġdida għax inkella, jekk tidħol il-mara l-ewwel, tkun tikkmanda kollox hi. Jingħad li ħafna nisa miżżewġin, huma jikkmandaw kollox, avolja daħlu t-tieni, wara r-raġel!

## *Kelb jagħwi u jingħi*

Meta kelb jibda jagħwi u jingħi kemm jiflaħ, ifisser li f'dawk l-inħawi jkun se jmut xi ħadd. Dan jiġri għaliex jingħad li l-kelb ixomm minn qabel l-intiena ta' bniedem mejjet. B'danakollu, meta wieħed jitħadded fuq l-annimali, irid joqgħod daqsxejn attent għax mhux kulma jagħmlu l-annimali ġej mis-superstizzjoni. Hafna drabi l-annimali jħossu, ixommu, jaraw u jisimgħu aktar minna l-bnedmin u għalhekk jistgħu jħabbru minn qabel dak li aħna ma nintebħux bih. Per eżempju, hu fatt magħruf li l-annimali bħal klieb, għasafar, tjur, zwiemel... jibdew jitqanqlu u jagħmlu ħafna ħsejjes mhux tas-soltu meta jkun se jagħmel xi terremot.

## *Denb il-Gremxula*

Il-gremxula għandha ħabta tarmi denbha meta xi ħadd jagħtiha fastidju jew jiġri warajha. Denbha, minkejja li jinqata' minn ġisimha, jibqa' jitkagħweġ. Issa l-gremxula dan tagħmlu biex tiddefendi lilha nfisha mill-periklu, ħalli dak li jkun jiġri warajha, meta jara denbha jitkagħweġ, imur jara x'inhu, u l-gremxula jkollha żmien biex taħrab u titbiegħed mill-periklu. Imma s-superstizzjoni tgħid li denb il-gremxula jkun qiegħed jidgħi. Ħadd m'għandu jemminhom affarijiet bħal dawn għax l-annimali, billi m'għandhomx raġuni, ma jistgħux jidgħu. Aħseb w ara denb ta' gremxula!

## *Il-Ħanfusa*

F'Għawdex il-ħanfusa hija insett ta' lewn iswed u l-lewn iswed hu aktar assoċċjat mas-sħaħar u n-nies ħżiena. L-iswed hu l-lewn tal-mewt, tal-vistu, tad-dwejjaq, il-lewn tax-xitan. L-iswed isewwed il-qalb. Imma huwa wkoll il-lewn tal-penitenza, tal-ħajja ta' ċaħda mill-pjaċiri tad-dinja, tal-ħajja rżina. Issa billi f'pajjiżna hi ta' lewn iswed (għax barra hemm ukoll ħanfus b'diversi lwien), allura l-ħanfusa hi assoċċjata mal-ħażen. U għalhekk jingħad li l-ħanfusa tobżoq 'l Alla. Imma dan hu wkoll twemmin fieragħ 'il bogħod ħafna mill-verità.

## *Geddum ix-Xitan*

Insett ieħor, bl-Ingliż imsejjaħ *Praying Manthis*, jissejjaħ Geddum ix-Xitan, u f'Malta magħruf iktar bħal d-Debba tax-Xitan. Bl-Ingliż għandu isem adattat ħafna għax jidher b'idejh miftuħa qisu qiegħed jitlob. Imma flok praying aħjar ngħidu li jkun preying, għax fil-fatt ikun qiegħed għassa biex jaqbad il-priża tiegħu. Jingħad li geddumu jixbah lil geddum ix-xitan ta' veru. Imma din hija wkoll superstizzjoni għaliex ix-xitan ta' veru, billi hu spirtu, m'għandux geddum. Dan l-insett, bħall-ħlejjaq l-oħra kollha, hu ħolqien ta' Alla u m'għandu x'jaqsam xejn max-xitan.

# CANA TOURS TAS-SAJF 2001

Fadal ftit postijiet fuq dawn it-tours tal-Moviment ta' Kana
Ma' kull grupp barra t-Tour Leader ikun hemm saċerdot biex iqaddes kuljum.
It-Tours huma kollha full board jiġifieri breakfast, ikla ta' nofs in-nhar u ikla ta' fil-għaxija.
Jekk se ssiefer ħu tour tal-Kana u ma' jiddispjaċikx.
Esperjenza ta' 40 sena sħaħ.

## CANA TOUR 2

**ITALJA U SVIZZERA 28 LULJU - 6 AWISSU**

***Inżuru Ruma - Assisi (San Franġisk) Cascia (Santa Rita) - Sotto il Monte (fejn twieled il-Beatu Papa Ġwanni XIII) - SAN ĠIOVANNI ROTONDO (fejn għex u miet il-Beatu Padre Pio) - PIETRALCINA (fejn twieled Padre Pio) - LORETO (Id-Dar tal-Madonna) - RAVENNA-TIVOLI-BRESCIA- LUGANO eċċ.***

***TOUR LEADER: JOSEPH MICALLEF***

## CANA TOUR 6

**SPANJA - ANDORRA - PORTO AVENTURA 23-30 AWISSU**

***Inżuru BARCELONA-MONSERRAT (Santwarju tal-Madonna s-Sewda fil-Muntanji) - TARRAGONA (Fejn SAN PAWL wassal il-fidi fi SPANJA) - ANDORRA - PORTO AVENTURA (Disneyland ta' Spanja) eċċ.***

***TOUR LEADER: NATALINO AGIUS***

## CANA TOUR 5

**SVIZZERA - ITALJA - AWSTRIJA, 17-25 AWISSU**

***Inżuru LUZERN-LAKE OF THE FOUR CANTONS - BOLZANO - DOLOMITI - GARDALAND - BRUNICO - ZELL AM SEE-MELK - VJENNA - VIENNA WOODS - MAYERLING - HEILIGENKREUZ EĊĊ.***

***TOUR LEADER: EUCHARIST MIZZI***

## CANA TOUR 8

**SVIZZERA U ITALJA, 5-12 SETTEMBRU**

***Inżuru GENEVA - MONT BLANC - CHAMONIX - ANNECY - LAUSANNE - BERN - BASEL - BRIG - LAGO MAGGIORE - PALLANZA - TORINO - MILANO - LOCARNO - ISOLE BORROMEE EĊĊ.***

***TOUR LEADER: JOSEPH MICALLEF.***

**JEKK TIXTIEQ TIRĊIEVI XI WIEĦED MINN DAWN IL-PROGRAMMI**
ĊEMPEL LIS-SUR MICALLEF TEL 556574 JEW MUR 30, ST. URSOLA STREET, VICTORIA, GOZO.

**BOOKING U PROGRAMMI:**
JOHN PORTELLI ENTERPRISES, IT-TOKK, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA, GOZO TEL 561212/561213
JOHN PORTELLI ENTERPRISES, 108 ST. JOHN ST. VALLETTA TEL 247016

**Simply Blues**
Bar Restaurant
Marina Street, Marsalforn Tel: 559150

**RAYMOND ANTIQUES**
Kerċem Square - Mobile: 0942 8043
*Maltese furniture*
*Figurines & Vases - Brass Beds*



**Paul Zammit**
Plumber & Electrician
Licence N°: 4128A
'Maple Leaf'
N.B. Viani Street,
Victoria, Gozo.
Tel: 553058

Seaview restaurant



15 Shore Street. Mġarr. Gozo. Tel: 565541




# IL-MUŻEW TAL-FOLKLOR

## (It-Tielet Parti)

### *Tifkiriet ta' l-imgħoddi*

Kemm iġibuli tifkiriet sbieħ dawn iċ-ċumbini. Meta kont għadni tifel żgħir kont nintasab mħaxken m'ommi ħdejn il-bieb ta' barra taħt il-ħasira għall-frisk f'dawk il-granet qliel tas-sajf, u filwaqt li hi kienet taħdem il-bizzilla b'dawk subgħajha bieżla jdommu l-ħajt fuq il-mostra li kien ikollha mqabbda fuq it-trajbu, jien kont nimla ċ-ċumbini bil-ħajt bir-raddiena. Waqt dan il-ħin kienet tgħannili xi għanja ħelwa jew erħila tkanta siltiet mill-operetti li fi żmienha kienu popolari ħafna u li anke hi kienet ħadet sehem fihom.

Waqt li l-imrieżaq irqaq tax-xemx kienu jgħaddu minn bejn il-qasab tal-ħasira biex jaħbtu ma' l-art friska tas-siment, fejn jien bit-tħarrik ta' saqajja kont nipprova ma nħallihomx jaslu, kont nisma' l-leħen melodjuż tagħha:

*Spiċċatlek l-arja li kellek*
*U t-triqat ta' ħdejn San Ġorġ.*
*X'tambiha ħajtek ġod-dinja*
*Jekk ma ħadtx lil min kont tħobb?*

Jew inkella minn operetta:

*Ħsejjes ta' kordi qed nisma' l-lejla*
*żgur li ħadd ma nduna b'Ġanni tan-Nejna.*
*Hemm David miegħu jħanxar ukoll*
*Ma tistax tifhmu għax dejjem igorr.*
*Imbagħad xi ngħidu Ġoġo kif sar*
*Ma tistax tgħidlu Sur Gallinar.*
*Qisu ċumnija, Ċikku ta' Kwieta*
*Għad flok li b'pipa narawh bi tlieta.*

"*O żmien ħelu kif għaddejtli...*" Naturalment dawn l-ismijiet imsemmija bil-laqam tagħhom, illum, bħall-għażiża ommi qed jistrieħu fi ħdan il-Mulej. Kemm kien kollox sempliċi u sabiħ.

### *Il-bizzilla*

Il-kamra żgħira li jmiss hija miżgħuda b'dak kollu li għandu x'jaqsam max-xogħol tal-bizzilla. L-ewwel ma jolqot lil dak li jkun huwa trajbu ta' daqs immens li jimla din il-kmajra minn naħa għal oħra. Dan it-trajbu kien jintuża mit-tfajliet li kienu jmorru jitgħallmu l-bizzilla, ir-rakmu u artiġjanat ieħor fil-***Casa Industriale*** li kienet fix-Xagħra, Għawdex. Fuq dan it-tip ta' trajbu kienet tinħadem ngħidu aħna, il-bizzilla ta' l-albi tal-qassisin jew xi tvalja tal-bizzilla għal xi mejda kbira tal-kawba. Ġie li kienu jkunu żewġ tfajliet jew tlieta jaħdmu fuq dan it-trajbu fuq l-istess biċċa xogħol.

F'rokna minnhom hemm trajbu żgħir poġġut fuq maqgħad tas-soda u jserraħ mad-dahar tiegħu. Mal-ħitan hemm imdendla bosta kwadri li fihom ix-xempji jew il-mostri jew id-disinni li fuqhom tinħadem il-bizzilla. Dawn huma ta' għamliet u kobor differenti, imma l-aktar li jispikka fuqhom hu s-salib bi tmien ponot tal-kavallieri. Għalkemm huma ħafna l-Maltin li japprezzaw il-bizzilla u jordnawha, imma l-aktar li ssib il-bejgħ tagħha huwa fis-suq turistiku, għalhekk jidher ta' spiss is-salib tal-kavallieri fuqhom bħala l-emblema Maltija.





***Biċċa xogħol tal-Bizzilla***
*(Ritratt meħed mill-ktieb "Gozo Lace" ta' Consiglia Azzopardi)*

## *In-newl*

Mix-xogħol tal-bizzilla nidħlu fil-ħdim tan-newl. Kienu bosta n-nisa li fil-passat qalgħu l-għixien tal-familja mill-ħidma tagħhom fuq in-newl. Speċjalment nisa romol li kien eħfef għalihom li jaqilgħu x'jieklu mid-dar waqt li jieħdu ħsieb uliedhom żgħar u kbar. Kien hemm nisa li batew tassew. L-għodda tan-newl li hemm esebit f'din il-kamra hija maħduma kollha mill-injam. Kienu jintisġu fuqha għadd bla qies ta' drappijiet għal kull użu fil-ħajja ta' kuljum, ngħidu aħna, veres ħoxnin tas-suf tan-nagħaġ bid-disinn lixx jew imqabbeż fuqhom, u li kienu jinħietu flimkien u jagħmlu kutri sbieħ u jsaħħnu li ma kienx ikun hemm bżonn ta' ebda kwilt. Kienu jintisġu bosta drappijiet kuluriti wkoll kif jindika s-suf li naraw f'waħda mill-qfief li hemm f'din il-kamra.

Naturalment fil-kamra naraw xi ħwejjeġ li huma marbuta man-newl bħal-moxt tan-newl, imħalel li fuqhom kienu jaħdmu l-imħalla, u vetrini li fihom insibu pasturi li juru xogħol marbut mal-preparazzjoni tal-insiġ. Ta' nteress insibu l-pasturi li qed juru raġel idoqq it-tajjar, bħalma diġa ddiskrivejt aktar 'l fuq, mara taħdem in-newl, u oħra tiġbed it-tajjar mill-fosdqa, mekkuk tan-nisġa kif ukoll iċ-ċikk.

## *Il-ħaddied*

Kif wieħed jinżel isfel, fuq ix-xellug jilmaħ il-ħanut tal-ħaddied. Hemm il-forġa li ma' ġenbha jidher il-menfaħ biex irewwaħ il-faħam u jżommu jħeġġeġ biex fih jissaħħan sa ma jiħmar il-ħadid biex ikun jista' jieħu l-forma li jkun irid il-ħaddied.

Ħdejn il-forġa hemm kif wieħed jistenna l-inkwina li fuqha l-ħaddied kien jagħti l-forma lill-ħadid flimkien ma' għadd ta' għodod li kienu jintużaw għall-istess xogħol. Karatteristika mal-ħanut tax-xogħol tal-ħaddied huwa l-kulur iswed. Donnu kollox jieħu l-kulur tal-faħam. Kienet timpressjonani d-dehra tal-ħaddied quddiem il-forġa, liebes sidrija tal-flanella, b'dawk idejh godlija joħroġ il-virga ħamra nar minn qalb l-ġamar li b'dik il-fjamma baxxa jispikka f'dik is-swidija kollha, w iqiegħdha fuq l-inkwina. U erħilu mbagħad isammar b'mazza tal-ħadid u jsawwarha fil-forma li jkun jixtieq. Imbagħad jgħoddosha ġo barmil taż-żingu mimli bl-ilma biex ikessaħha, u f'salt wieħed tara daħna bajda flimkien mal-ħoss li tisma' x'ħin tmiss il-ħadid jikwi ma' l-ilma.

Tgħoddhom fuq is-swaba ta' id waħda l-ħaddieda li ssib illum, għalkemm xogħolhom għadu mfittex sewwa, speċjalment fl-irranġar tal-bini antik, li m'huwiex ftit.

### *Il-mastrudaxxa*

Kontra x-xogħol tal-ħaddied, mastrudaxxi għadek issib kemm trid, anzi ngħid għalija, illum bl-għodod moderni li hawn u bil-mod kif qed jinħadem ix-xogħol naħseb li nibtu aktar. Veru li f'dan il-każ, spiċċat it-tbatija f'dak li hu sserrar ta' l-injam, minċotti u xogħol ieħor magħmul bl-idejn. Imma dak tal-ħaddied naqas għax prattikament kollox għadu jsir bis-sħana tan-nar u bix-xogħol tal-idejn. Intant meta wieħed iħares fil-ħanut tal-mastrudaxxa li jinsab f'dan is-sular tal-mużew wieħed jara ħanut armat kif kien ikun fl-antik. Qisu għadu kemm telaq l-imgħallem, biċ-ċana mħollija fl-art tistenna l-lavrant biex inaddaf qabel ma jitlaq lejn id-dar wara ġurnata xogħol. Hemm il-bank ta' l-injam bil-morsa ta' l-injam ukoll, varloppi għall-inċanar tal-injam, srieraq ta' kobor differenti, ċani tal-injam, furmaturi u kull tip ta' għodod li wieħed jista' jara f'ħanut bħal dan.

Kienet sengħa mfittxija minn ħafna speċjalment minn ġuvintur li riedu jieħdu l-istat taż-żwieġ. Kienu jintefgħu ma' xi mgħallem gwapp biex jitgħallmu s-sengħa, imbagħad jekk ikun jaqblilhom u jkunu mħallsin mhux ħażin jibqgħu miegħu, jew jekk kienu jkunu ġemmgħu xi sold jippruvaw jiftħu ħanut għal rashom. Kienu jkunu ħafna kburin bix-xogħol tagħhom u kien ikollhom għalxiex. Ħarsu ftit kemm iġġib flus illum l-għamara antika.

### *Xogħol tal-ġebel*

Il-kuridur li jieħdok sa l-aħħar kamra ta' dan is-sular huwa dedikat għax-xogħol tal-ġebel. Mal-ħitan naraw għodod marbuta ma' dan ix-xogħol, bħal ngħidu aħna l-imterqa, ir-raxketta u l-ispnar li bihom kienu jaqtgħu l-ġebel fil-barrieri. Illum, għalkemm ix-xogħol tal-ġebel għadu wieħed mill-iktar iebes, dari kien bil-bosta aktar. Ħabib tiegħi li llum m'għadux magħna kien jgħidli li kien iqum fid-dlam, ipoġġi nofs ħobża, ġobna jew tnejn maħsula xi tadama friska meta jkun żmienu jew imqadda fi żminijet oħra u flixkun ilma fi xkora, jitfa' kollox wara spallejh u jitlaq għal għonq it-triq bil-mixi lejn il-barriera fejn kien jaħdem xogħol iebes għal ftit soldi minn x'ħin titla' sa ma tinżel ix-xemx. Kemm għaraq u tbatija ma' kull vaża, kantun, xriek jew ċangatura li nqatgħu mill-fond tal-barrieri.

Il-bennejja u l-manwali kienu sa ftit taż-żmien ilu jinqatlu bix-xogħol biex itellgħu binja. U l-bini mhux dejjem kien ta' l-istess kobor u għoli. Kważi kulħadd jiftakar il-manwal iġorr xi blata ta' bieb jew tieqa jew xi kantun wara li jkunu naġġruhom n-naġġara u jwiżżnuhomlu fuq spallejh wiesgħin, u jitla' bil-poża kollha sellum wiesa' bi skalluni maqlubin kemm xejn 'il barra u spazji dojoq bejn waħda w oħra, biex ma jkollux għalfejn jerfa' ħafna saqajh. Il-manwali kienu jdawwru terħa ssikata madwar qaddhom biex jevitaw li jinfetqu.

L-aħħar kamra f'dan is-sular żgur li togħġob lil bosta għax fiha żewġ vetrini mimlija bil-ġugarelli. Is-sabiħa hi li dawn il-ġugarelli huma maħduma kollha mill-ġebla tal-franka. Kemm paċenzja u taħbil il-moħħ ħadu lil min ħadimhom. Imma meta wieħed ikun jaf b'liema mħabba saru, jagħraf x'hemm warajhom. Ġejt imgħarraf li dawn inħadmu minn ħabsi li, ovvjament, ma kellux x'jibgħat lil uliedu ħlief dawn il-ġugarelli li bil-ħila ta' jdejh irnexxielu joħloq għalihom fiż-żmien li dam mifrud minnhom. X'ġest sabiħ. Jidhru wkoll partijiet minn gallarija antika kif ukoll statwa ta' San Ġużepp bil-Bambin Ġesù li minnhom insibu f'xi niċċa mal-bini tagħna.

**RADJU R.T.K. FUQ L-INTERNET**
**http://www.di-ve.com**

**IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX**
**http://www.gozodirect.com/lumenchristi**




Chinese Restaurant
& Take Away
Xagħra, Gozo · Tel: 550555
(near Ggantija Temples)

D-Bar Cafè
*Pan Pizza*
*& Snacks*
Take Away
TWANNY BUTTIGIEG
12, St. Joseph Square, QALA
Tel: 556 242 Mobile: 0942 7014

*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

**Tony Camilleri**

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAP, ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji irrikorru għand:*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo
Tel. 553352 / 562211 - Mob. 099 5001 - Fax 562211




**ISSA TISTA' TĦAWWAR IL-BORMA BĦAL DARI !**

ISSIB, ĦWAWAR, ĦXEJJEX AROMATIĊI, FROTT IMQADDED GĦALL-ĦELU U PRODOTTI OĦRAJN GĦAL-IKEL

14-15 KERĊEM RD. VICTORJA, VLP 104 GOZO. TEL: 562160

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

## Il-Ħsara mix-Xemx

Issa li s-sajf huwa magħna kulħadd xi ftit jew wisq ikollu joqgħod għar-raġġi jaħarqu tax-xemx. Hemm min huwa espost għar-raġġi tax-xemx is-sena kollha minħabba t-tip ta' xogħol li jagħmel. Hemm imbagħad min iħobb jixxemmex għall-gost jew aħjar biex ikollu dik il-bronżatura li llum saret parti mid-dehra sajfija. Hu x'inhu l-iskop jew ir-raġuni li għalihom noqgħodu fix-xemx dejjem tkun tagħmlilna l-ħsara, u nkunu nipperikolaw li jkollna xi bidu ta' kanċer fil-ġilda kawżat mir-raġġi tax-xemx. Din hija l-verità pruvata mill-mediċina. Illum min jieħu gost jinħaraq bix-xemx jaqbillu jaħsibha darbtejn!

Minkejja li ta' kull sena ssir kampanja biex ma noqgħodux fix-xemx fis-siegħat bejn il-ħdax ta' filgħodu u l-erbgħa ta' waranofsinhar xorta għadek tara nies jixxemxu f'dawn is-sigħat. Kemm ninnhom jużaw il-kremi apposta li jipproteġuna mir-raġġi tax-xemx? F'Malta il-kanċer tal-ġilda huwa kumuni u numru ta' nies imutu ukoll minħabba komplikazzjonijiet minn dan il-kanċer. L-iktar tip ta' kanċer tal-ġilda li huwa fatali huwa l-melanoma. Dan it-tip ta' kanċer jinfirex mal-ġisem kollu fi żmien qasir u ma hemmx kura għalih. Barra l-kanċer r-raġġi tax-xemx jxejjħu lill-ġilda billi ikemmxuha u jagħmluha rqieqa. Naturalment kulħadd jaf kemm tkun



muġugħ wara xi ġurnata fix-xemx speċjalment meta tkun l-ewwel darba.

Mhux ir-raġġi kollha tax-xemx huma l-istess. Dawk *UVA* li għandhom l-itwal distanza bejn puntini korrispondenti f'mewġa elettromanjetika jolqtuna meta x-xemx tkun fil-għoli u anki meta s-sema jkun imsaħħab. Dawn it-tip ta' raġġi jikkaġunaw ħsara fil-ġilda speċjalment tikmix. Il-*UVB* għandhom distanza bejn il-puntini korrispondenti f'mewġa elettromanjetika iqsar. Huma iktar qawwija mill-*UVA* u jolqtuna meta ix-xemx tkun fil-baxx. Dawn ir-raġġi huma elf darba iktar qawwijin u allura iktar ta' ħsara mir-raġġi *UVA*. Huma jikkawżaw ħruq fil-ġilda, u l-kanċer tal-ġilda. Għalhekk huwa importanti li nevitaw ix-xemx bejn il-ħin tal-ħdax ta' filgħodu u l-erbgħa ta' wara nofsinhar. Irrid ngħid li r-raġġi tax-xemx jagħmlu ferm iktar ħsara lill-ġilda tat-tfal żgħar għax il-ġilda taż-żgħar hija iktar tenera u sensittiva għax-xemx. Kxif ripetut għax-xemx meta t-tfal ikunu għandhom żgħar jista' jfisser kanċer fil-ġilda iktar 'l quddiem fil-ħajja. Min jaħseb li x-xemx ma tagħmilx ħsara lilna għax għandna l-ġilda samra huwa żbaljat.

Il-ħsara mix-xemx takkumula ftit ftit u l-effetti tagħha illum nistgħu narawhom permezz ta' ritratti tal-ġilda b'kamera speċjali. Għalhekk il-ġilda rridu nipproteġuha kemm mir-raġġi *UVA* u anke mir-raġġi *UVB*. Hemm fatturi oħra li jistgħu ikabbru l-ħsara tax-xemx. Ċerti antibijotiċi jżidu r-riskju ta' ħsara mix-xemx meta nkunu neħduhom jew jekk neħduhom ta' spiss. Għalhekk huwa mportanti li meta nkunu nieħdu xi antibijotiċi ma noqgħodu għal ebda ħin fix-xemx. Barra l-antibijotiċi hemm pilloli oħra li meta nkunu neħduhom mhux tajjeb li noqgħodu fix-xemx.

Biex niġu għall-fatti, tajjeb li ngħidu li f'Malta x-xemx tant tkun taħraq li sabu, permezz ta' strument li jkejjel il-livell ta *melanin* fil-ġilda, li d-difiża naturali kontra r-raġġi tax-xemx hija biss għal sitt minuti! Għalhekk biex ikollna protezzjoni irridu nużaw kremi protettivi fuq il-ġisem mikxuf kollu mingħajr eċċezzjoni u dawn il-kremi jservu biss għal sagħtejn. Il-kremi li nużaw irid ikollhom *SPF* (*sun protection factor*) ta' iktar minn 15. Naħseb li tgħidu li dan huwa xi ftit iżżejjed! Le dawn huma fatti li llum huma magħrufa xjentifikament. Għalhekk il-parir tiegħi hu li nevitaw ix-xemx kemm nistgħu. Ir-raġġi tax-xemx dejjem jagħmlu il-ħsara. Il-kanċer tal-ġilda huwa realtà.








jikteb Joe Bajada



# XEWKIJA TIGERS Champions Għawdxin

Xewkija Tigers reġgħu saru *champions* tal-futbol Għawdxi wara nuqqas ta' 17-il sena biex għar-raba' darba fl-istorja tagħhom rebħu t-titlu Għawdxi. Biex waslu għal dan huma kellhom jissuperaw l-isfida ta' Nadur Youngsters 4-3 f'*decider* mill-iktar eċitanti. Din id-*decider* kienet meħtieġa wara li ż-żewġ timijiet kienu spiċċaw it-tnejn fl-ewwel post b'29 punt. Statistikament għalhekk din kienet is-seba' darba li ċ-*championship* Għawdxi kellu jiġi deċiż b'*decider*.

Folla rekord ta' madwar 1800 ruħ attendiet għad-*decider* fejn żgur li ħarġu sodisfatti b'dak kollu li offrew iż-żewġ naħat. Kienet partita li offriet spettaklu, entusjażmu, kuluri, daqq ta' baned, briju, u dak kollu li jagħmel festa tal-futbol. Kienet partita li għamlet ġieħ u unur lill-futbol Għawdxi. Iż-żewġ timijiet lagħbu bi pjan miftuħ u dan għen biex id-*decider* kienet sabiħa u emozzjonanti, b'gowl isbaħ mill-ieħor. Kienu Xewkija li ħadu vantaġġ doppju b'doppjetta ta' Chris Camilleri, b'Nadur iwettqu reazzjoni u jagħmlu l-iskor indaqs b'gowls ta' Anthony Portelli u Mohamma Bugreen. Appena bdiet it-tieni taqsima, Xewkija reġgħu skurjaw tnejn oħra minn Terik Belhaj u Sabri Rais b'Charlie Attard inaqqas l-iskor għan-Nadur.

Fit-tielet post tal-klassifika spiċċaw Għajnsielem b'24 punt bl-attakkant tagħhom Stefan Farrugia jispiċċa bħala l-aqwa skorer bi 12 il-goal. Żebbuġ Rovers spiċċaw ir-raba' bi 23 punt, segwiti b'punt inqas mill-ex-champions Victoria Hotspurs. Fis-6 post ġew ikklassifikati Oratory Youths b'19-il punt fejn imbagħad irnexxielhom jirbħu d-*decider* kontra Xagħra United, ir-*runners-up* tat-tieni diviżjoni 3-2 biex salvaw posthom mal-kbar. Relegati għat-tieni diviżjoni jiġu l-aħħar żewġ timijiet tal-klassifika St. Lawrence Spurs b'7 punti u wieħed inqas Kerċem Ajax biex b'hekk dawn iż-żewġ timijiet waqgħu wara biss staġun mal-kbar.

## Kif Spiċċaw

| | L | R | D | T | F | K | PTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **XEWKIJA TIGERS** | 14 | 9 | 2 | 3 | 36 | 21 | 29 |
| Nadur Youngsters | 14 | 9 | 2 | 3 | 30 | 17 | 29 |
| Ghajnsielem | 14 | 7 | 3 | 4 | 26 | 15 | 24 |
| Żebbuġ Rovers | 14 | 6 | 5 | 3 | 22 | 17 | 23 |
| Victoria Hotspurs | 14 | 6 | 4 | 4 | 21 | 16 | 22 |
| Oratory Youths | 14 | 6 | 1 | 7 | 26 | 23 | 19 |
| St. Lawrence Spurs | 14 | 2 | 1 | 11 | 17 | 45 | 7 |
| Kerċem Ajax | 14 | 2 | 0 | 12 | 23 | 47 | 6 |

***Xewkija Tigers*** *champions* wara li rebħu 4-3 id-*decider* kontra *Nadur Youngsters*.

*Oratory Youths* żammew posthom wara li rebħu 3-2 id-*decider* kontra Xagħra United.

*Kerċem Ajax* u *St. Lawrence Spurs* relegati.

## Xewkija Tigers jirbħu wkoll it-Tazza Indipendenza

Minbarra r-rebħ tal-Kampjonat Rothmans ta' l-Ewwel Diviżjoni, Xewkija Tigers kienu bdew l-istaġun fuq nota pożittiva meta kienu rebħu t-Tazza Indipendenza wara li rebħu 2-1 il-finali kontra *Nadur Youngsters* b'żewġ gowls ta' Chris Camilleri, b'Anthony Portelli kien kiseb id-*draw* momentarju għal Nadur.

## Għajnsielem jirbħu t-tliet unuri l-oħra



Għajnsielem ukoll kellhom staġun sodisfaċenti meta rebħu t-tliet unuri l-oħra. Huma bdew billi ħadu t-Tazza Jum il-Ħelsien fejn f'logħba unika umiljaw lil *Nadur Youngsters* bl-iskor kbir ta' 8-0. Il-gowls tagħhom skurjawhom tnejn Frankie Buttigieg u wieħed kull wieħed Stefan Farrugia, Alloysius Ihbeulu, Matthew Portelli, Joseph Buttigieg, Daniel Cosaits u Jeremy Camillieri.

It-tieni unur tal-*Blacks* kien ir-*Rothmans GFA Cup* meta rebħu 4-2 bil-*penalties* il-finali kontra *Kerċem Ajax* wara li l-iskor kien baqa' ma nfetaħx. Il-*penalties* tagħhom skurjawhom Matthew Portelli, Joseph Buttiġieġ, Loreto Scicluna u Jonathan Xuereb. L-uniċi tnejn ta' Kerċem skurjawhom John Grech u Joseph Grech.

It-tielet unur għal Għajnsielem kien ir-rebħ tal-BOV Super Cup meta għelbu 2-1 fil-ħin barrani lil Żebbuġ Rovers. Wara li Sylvan Galea kien poġġa liż-Żebbuġin minn fuq, Alloysius Ihbeulu kiseb id-*draw*, u *golden goal* ta' Stefan Farrugia ta t-tazza lill-Blacks.

## Sannat Lions Champions tat-Tieni Diviżjoni

Kif kien mistenni *Sannat Lions* għamlu ritorn ta' malajr lejn l-ogħla diviżjoni meta rebħu l-Kampjonat Sprite tat-Tieni Diviżjoni. Huma spiċċaw f'ras il-klassifika bi 28 punt, tlieta iktar mir-*runners-up* Xagħra United. L-attakkant ta' Xagħra Joseph Portelli spiċċa l-aqwa skorer b'10 gowls. Qala St. Joseph spiċċaw fit-tielet post b'14 il-punt u warajhom ġew SK Victoria Wanderers b'9 punti, u fl-aħħar post Għarb Rangers b'7 punti.

### Kif Spiċċaw

| | L | R | D | TT | F | K | PTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| SANNAT LIONS | 12 | 8 | 4 | 0 | 26 | 8 | 28 |
| Xagħra United | 12 | 8 | 1 | 3 | 42 | 16 | 25 |
| Qala St. Joseph | 12 | 3 | 5 | 4 | 26 | 30 | 14 |
| SK Victoria Wanderers | 12 | 3 | 0 | 9 | 17 | 35 | 9 |
| Għarb Rangers | 12 | 1 | 4 | 7 | 10 | 32 | 7 |

*Sannat Lions champions u promossi*

## Xagħra United jirbħu l-FXB KO

Xagħra United rebħu l-FXB KO tat-Tieni Diviżjoni meta għelbu 3-1 fil-final lil Qala St. Joseph. Kienu dawn ta' l-aħħar li fetħu l-iskor minn *penalty* ta' Abdelhafid Taha, iżda Xagħra kisbu r-rebħa b'gowls ta' Daniel Ayaji, Joseph Sultana u Joseph Portelli.





# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

- Il-ħabs li hemm fil-gżira *Isle of Sark* jesa' biss żewġ priġunieri.
- Ir-Reġina Elizabetta II ġiet inkurunata reġina fit-2 ta' Ġunju 1953. Kienet intgħażlet dik id-data għaliex il-meteoroloġisti qalu li dak kien l-aktar jum li fih dejjem tiżreġ ix-xemx. Imma dak in-nhar għamlet ħafna xita!
- Ir-re Ġorġ VI kien ikkompeta fil-kampjonat tat-tennis ta' Wimbledon.
- Kull sena il-gżejjer ta' *Scilly* jibgħatu aktar minn sittin miljun fjura biex jinbiegħu fin-*New Convent Garden* ta' Londra.
- Il-bniedem huwa l-uniku annimal bil-kapaċità li jitbissem.
- Matul is-seklu 19 kien possibli li tivvjaġġa mill-Iskozja sa' Ġerusalemm permezz tat-toroq mibnija mir-Rumani, bl-uniċi żewġ waqfiet ikunu fejn jaqsam il-baħar.
- Skorpjun maqbud fis-silġ jista' jgħix sa tliet ġimgħat.
- Koala bear jista' jgħix billi jiekol biss weraq tas-siġra tal-*eucalyptus*.
- Mill-pajjiżi kollha tad-dinja, l-Iżlanda għandha l-eqdem demokrazija mħaddma.
- 80% tas-sħana li jipproduċi l-ġisem toħroġ mir-ras.
- Thomas Crapper qatta' ħajtu jaħdem ma' kumpanija li tbiegħ it-toilets. Qabel ma miet ippubblika awtobijografija bl-isem "*Flushed with Pride*".
- Il-bojja Ingliż Albert Pierrepoint darba kellu biċċa xogħol diffiċli għax kellu joqtol wieħed mill-akbar ħbieb tiegħu.
- Fl-1969 fl-Isvezja waqgħet borra sewda.
- Il-Filippini tikkonsisti f'aktar minn 5,000 gżira.
- L-aħħar dodo fid-dinja miet fis-sena 1681.



*Jgħidu li min jorqod ma jaqbadx ħut! Imma dan l-ors fl-Alaska lanqas ibati wisq biex jimla' l-istonku bis-salamun tax-xmara. Biżżejjed jiftaħ ħalqu u l-ħut itir minn ġo l-ilma għal ġo ħalqu. Dik tassew ikla "gratia gratis data!"*



# Bortelli Woodworks

**For all kind of Furniture and Home appliances, Office Desks and Chairs, Filing Cabinets and Cupboards.**

*Workshop:*
26, P.P. G.M. Camilleri Str.,
Għarb, Gozo.
**Tel./Fax: 560020**

*Showroom:*
Borg Oliver Str.,
Victoria, Gozo.
**Tel: 564664**

**Mobile: 0940 5295**



Ask for Bernard...With 25 Years of Experience






LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE
TRIQ FORTUNATO MIZZI, VICTORIA, VCT 111 - GHAWDEX
TEL: 560496/7 FAX: 561860

Kotba u rigali reliġjużi








Kull xorta ta' Stationery u kiri ta' Videos edukattivi

Servizz ta' Photocopying u bejgħ ta' karta

**Ħinijiet tal-Ftuħ**
mit-Tnejn sas-Sibt
9.30a.m. - 12.30p.m.
5.00p.m. - 9.00p.m.


The Photo Shop
1 hr Photos
135 - APS - Digital
Fortunato Mizzi Street
Victoria, Gozo
Tel. 563 403 / 557 555
e-mail: kaiser@maltanet.net
Your Special Occassions
Photos & Video
with a difference
......
a reason to smile !!
Sole Agents & Distributors
for:
Novo Modo Albums
Velbon Tripods
Mogetta Argenti
Lupo Studio Lights
Night Owl Optics